- REVIEWED -
JUSTICE UNIT
MINISTRY FOR JUSTICE



**Abbozz ta' Liġi**
**msejjaħ**

*ATT biex jipprovdi għall-protezzjoni tal-ambjent u biex titwaqqaf awtorità b'setgħat għal dan il-għan u għal ħwejjeġ konnessi jew anċillari ma' dan.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

TAQSIMA I

Preliminari

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2015 dwar il-Protezzjoni tal-Ambjent. Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-sehh f'dik id-data li l-Ministru jista' jistabbilixxi b'avviż fil-Gażżetta, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

(3) Avviż taħt is-subartikolu (2) jista' jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet transitorji li l-Ministru jidhirlu li jkunu meħtieġa jew spedjenti f'konnessjoni mad-dispożizzjonijiet li jkunu hekk inġiebu fis-seħħ.

**2.** F'dan l-Att, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra: Tifsir.

"ambjent" tfisser it-totalità tal-elementi u l-kundizzjonijiet, naturali jew magħmulin mill-bniedem, sew jekk flimkien u sew jekk iżolati minn xulxin, u b'mod partikolari:

(a) l-arja, l-ilma, l-art, il-ħamrija u l-baħar, inklużi s-sodda tal-blat, il-ħażniet tal-ilma tal-pjan u l-karatteristiċi li jinsabu taħt wiċċ l-art;

(b) kull saff tal-atmosfera;

(ċ) il-biodiversità kollha; u

(d) il-pajsaġġ u l- karatteristiċi tiegħu;

"applikazzjoni" tfisser applikazzjoni għal permess jew għal awtorizzazzjoni sottomessa skont il-mod stabbilit mill-Awtorità;

"art" tinkludi l-arja, l-ilma, l-art, il-baħar u l-ħamrija, inklużi s-sodda tal-blat, il-ħażniet tal-ilma tal-pjan u l-karatteristiċi li jinsabu taħt wiċċ l-art, u testendi għall-użu xieraq ta' riżorsi misjuba fihom sabiex ikunu żgurati l-protezzjoni tal-ambjent b'mod ġenerali u l-użu tal-arja, l-ilma u l-ħamrija b'mod sostenibbli;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent imwaqqfa taħt l-artikolu 6 u tinkludi kull korp jew persuna oħra li taġixxi f'isimha bis-saħħa ta' setgħat delegati mill-Awtorità taħt dan l-Att, u l-Ministru jista', b'ordni fil-Gazzetta, jaħtar korpi jew persuni differenti bħala awtorità kompetenti għal dispożizzjonijiet differenti u għanijiet differenti ta' dan l-Att jew għal xi regolamenti magħmula taħthom;

"baħar" tinkludi l-kolonna tal-ilma, il-qiegħ tal-baħar, is-sottoswol sedimentarju marin, in-naqal u s-sodda tal-blat;

"*Chairperson*" tfisser iċ-*Chairperson* tal-Awtorità maħtur skont l-artikolu 6;

"diversità bioloġika" jew "biodiversità" tfisser il-varjabilità fost ħlejjaq ħajjin minn kull sors, inklużi fost oħrajn, ekosistemi tal-art, tal-baħar u oħrajn akwatiċi u l-kumplessi ekoloġiċi li jagħmlu parti minnhom, u tinkludi d-diversità fl-ispeċi nnifisha, bejn l-ispeċi u ta' ekosistemi;

"enti tal-Gvern" tfisser enti morali mwaqqaf b'liġi jew kumpannija li fiha l-Gvern jew enti bħal dak, jew it-tnejn flimkien, għandhom sehem dominanti jew li hija sussidjarja ta' kumpannija bħal dik;

"fawna" tfisser kull tip ta' annimal jew ħlejqa oħra, inklużi akarjoti, prokarjoti u ewkarjoti, mejta jew ħajja, sħaħ jew parti minnhom, u d-derivati tagħhom;

"flora" tfisser kull tip ta’ pjanta jew ħlejqa oħra, inklużi akarjoti, prokarjoti u ewkarjoti, mejta jew ħajja, sħaħ jew parti minnhom, u d-derivati tagħhom;

"funzjonijiet" tinkludi responsabiltajiet, setgħat u dmirijiet;

"Kumitat Permanenti" tfisser il-Kumitat Permanenti għall-Ippjanar u għall-Ambjent stabbilit skont l-artikolu 31;

"kunsill lokali" tfisser kunsill lokali mwaqqaf taħt l-Att dwar il-Kunsilli Lokali; Kap. 363.

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-ambjent;

"persuna" tfisser persuna fiżika jew korp azjendali;

"pjan" tfisser pjan approvat skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att;

"pjanijiet sussidjarji" tinkludi strateġiji, pjanijiet, programmi u gwida taħt dan l-Att;

"*policy*" tfisser *policy* approvata skont id-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att;

"preskritt" tfisser preskritt b’regolament, regola, ordni jew strument ieħor magħmula kif previst f’dispożizzjoni ta’ dan l-Att li tagħti s-setgħa li jsir dak l-istrument;

"prinċipju kawtelativ" tfisser il-prinċipju li bih jittieħdu miżuri xierqa li jħarsu l-ambjent u li jiżguraw ġestjoni sostenibbli ta’ riżorsi naturali fin-nuqqas ta’ prova xjentifika assoluta jew konkluživa tal-ħtieġa għal dawk il-miżuri;

"rapport dwar l-applikazzjoni" tfisser ir-rapport dwar applikazzjoni għall-permess finali jew ir-rapport dwar applikazzjoni għal awtorizazzjoni;

"rimi" tinkludi kull emissjoni, depożitar, rimi barra, żmaltiment, żjieda jew tfigħ ġo l-ambjent ta’ xi sustanza jew enerġija direttament jew indirettament minn xi post wieħed jew minn sors imferrex, kemm jekk stazzjonarju u kemm jekk mobbli, u sew jekk ikkaġunata jew permessa bil-ħsieb jew xort’oħra, u sew jekk kontinwa jew intermittenti jew ta’ darba biss;

"sustanzi" tfisser kull ħaġa, kimika, taħlita, kompost jew prodott, u tinkludi karburanti, kumbinazzjonijiet ta’ elementi, taħlitiet jew komposti ta’ xi reazzjoni kimika, kif ukoll it-taħlita ta’ sustanzi

ta' identitajiet molekolari differenti;

"tniġġis" tfisser l-introduzzjoni diretta jew indiretta mill-bniedem, jew minħabba proċessi naturali, fl-ambjent ta' sustanzi, enerġija, organiżmi jew materjal ġenetiku li jikkaġunaw jew x'aktarx jikkaġunaw periklu għal saħħet il-bniedem, jew ħsara lil riżorsi ħajjin jew lill-ambjent;

"Tribunal" tfisser it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar imsemmi fl-artikolu 3 ta' l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar;

"uffiċċjal" tinkludi kull impjegat jew membru tal-istaff tal-Awtorità;

"uffiċċjal pubbliku" għandha t-tifsira mogħtija lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni;

"żona protetta" tfisser iż-żoni kollha li huma mogħtija protezzjoni taħt dan l-Att.

## TAQSIMA II

### Dmir li jitħares l-ambjent

Dmir ta' kulħadd u ta' kull enti li jħares l-ambjent.

**3.** Għandu jkun id-dmir ta' kulħadd u ta' kull enti, kemm jekk pubbliku kif ukoll jekk privat, li jħares l-ambjent u li jgħin fit-teħid ta' miżuri preventivi u ta' rimedju biex jitħares l-ambjent u biex ir-riżorsi naturali jkunu ġestiti b'mod sostenibbli.

Dmir tal-Gvern li jħares l-ambjent.

**4.** Għandu jkun id-dmir tal-Gvern li jħares l-ambjent għall-benefiċċju tal-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri, u li għalhekk:

(a) jiġġestixxi l-ambjent b'mod sostenibbli billi jintegra u jikkunsidra kif dovut l-interessi ambjentali f'deċiżjonijiet u *policies* dwar l-użu tal-art, u dwar materji soċjo-ekonomiċi, edukattivi u oħrajn;

(b) jieħu kull miżura preventiva u rimedjali li tista' tkun meħtieġa biex tindirizza u tnaqqas il-problema tat-tniġġis u kull għamla oħra ta' degradazzjoni tal-ambjent f'Malta kif ukoll 'il hinn minnha, skont il-prinċipju li min iniġġes għandu jħallas u l-prinċipju kawtelativ;

(ċ) jikkollabora ma' gvernijiet u entijiet oħra fil-ħarsien tal-ambjent globali;

(d) ixerred informazzjoni dwar l-ambjent u jiffaċilita l-

parteċipazzjoni tal-pubbliku f'deċiżjonijiet li jolqtu l-ambjent;

(e) japplika tagħrif u riżorsi xjentifiċi u teknoloġiċi biex jiddeċiedi l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent;

(f) jiżgura l-ġestjoni sostenibbli tal-iskart, jippromwovi t-tnaqqis tal-iskart u l-użu tajjeb, l-użu mill-ġdid u l-irkuprar xieraq tal-materja;

(g) iħares id-diversità bioloġika;

(h) jeħodha kontra kull għamla ta' tniġġis u degradazzjoni ambjentali;

(i) jikkunsidra l-ambjent bħala l-wirt komuni u interess komuni tal-umanità;

(j) jipprovdi inċentivi li jwasslu għal livell ogħla ta' ħarsien tal-ambjent; u

(k) jippromwovi riċerka u żvilupp fil-qasam ambjentali minn istituzzjonijiet differenti.

(2) Fil-qadi tar-responsabbiltajiet tagħhom ta' kuljum, għandu jkun id-dmir ta' kull enti tal-Gvern li jwettaq l-għanijiet u d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u l-leġislazzjoni sussidjarja tiegħu. Meta jagħmlu dan, l-entijiet tal-Gvern għandhom iqisu wkoll il-miri ambjentali nazzjonali meta jwettqu l-pjanijiet, programmi u proġetti rispettivi tagħhom.

**5.** Id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 3 u 4 m'għandhomx ikunu direttament esegwibbli f'ebda qorti, imma l-prinċipji li jinsabu fihom huma minkejja kollox fondamentali għall-Gvern ta' Malta u dawk il-prinċipji għandhom jitħaddmu fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att jew ta' kull liġi oħra dwar materji regolati b'dan l-Att.

Applikazzjoni tal-artikoli 3 u 4 ta' dan l-Att.

TAQSIMA III

1. Amministrazzjoni

**6.** (1) Qiegħda b'dan titwaqqaf awtorità, li tkun magħrufa bħala l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent, li tkun magħmula minn mhux anqas minn tmien u mhux aktar minn għaxar membri, li wieħed minnhom ikun iċ-*Chairperson* tal-Awtorità.

Twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent.

(2) Ħlief kif provdut xort'oħra hawn aktar 'il quddiem, il-membri tal-Awtorità għandhom jinħatru mill-Ministru kif ġej:

(a) mhux aktar minn zewġ uffiċjali pubbliċi li jirrappreżentaw lill-Gvern, li wieħed minnhom għandu esperjenza jew kwalifiki f'materji li jolqtu l-ambjent, u ieħor li għandu esperjenza jew kwalifiki f'materji li jolqtu s-saħħa ambjentali jew il-politika soċjali;

(b) mhux aktar minn sitt membri (hawn aktar 'il quddiem imsejħa "il-membri indipendenti") li għandhom jintgħażlu minn fost persuni ta' integrità magħrufa u li għandhom għarfien u esperjenza fil-qasam ta':

(i) l-Organizzazzjonijiet Volontarji fis-settur tal-Ambjent u, jew fis-soċjetà ċivili;

(ii) u l-bqija huma persuni b'għarfien u esperjenza fil-kwistjonijiet relatati ma' funzjonijiet tal-Awtorità, għal governanza tajba.

(3) Iċ-*Chairperson* tal-Awtorità għandu jintgħażel mill-Ministru minn fost il-membri indipendenti tal-Awtorità.

(4) Ħlief kif previst fis-subartikolu (2), ebda persuna ma tikkwalifika biex tiġi nominata, jew biex tibqa', membru tal-Awtorità jekk hija:

(a) tkun uffiċjal pubbliku:

Iżda ċ-*Chairperson* tal-Awtorità ma għandux jitqies bħala uffiċjal pubbliku għall-finijiet ta' dan is-subartikolu;

(b) tkun uffiċjal ta' xi dipartiment, enti, korporazzjoni jew Awtorità tal-Gvern, iżda esklużi l-membri tal-korp akkademiku tal-Università għall-finijiet ta' dan il-paragrafu;

(ċ) tkun Ministru, Segretarju Parlamentari jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew tal-Parlament Ewropew, jew ta' Kunsill Lokali;

(d) tkun imħallef jew maġistrat tal-qrati tal-ġustizzja; jew

(e) ikollha interess finanzjarju jew xi interess ieħor f'xi impriża jew attività li x'aktarx ma jħallihiex taqdi sewwa l-funzjonijiet tagħha bħala membru tal-Awtorità:

Iżda l-Ministru jista' jiddeċiedi li l-interess li jkollha dik il-persuna aktarx ma jkunx ser jaffettwa t-twettiq tal-funzjonijiet tagħha u skont dik id-deċiżjoni dik il-persuna

għandha tikkwalifika għall-kariga bħala membru tal-Awtorità dment li l-interess li jkun ġie dikjarat u d-deċiżjoni tal-Ministru għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta; jew

(f) tkun interdetta jew inkapaċitata; jew

(g) tinsab ħatja ta' reat li jkollu effett fuq il-fiduċja pubblika, jew ta' serq jew ta' frodi jew ta' riċettazzjoni ta' proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi jew ta' tixħim jew ta' ħasil ta' flus; jew

(h) tkun soġġetta għal skwalifika taħt l-artikolu 320 tal-Att dwar il-Kumpanniji. Kap. 386.

(5) Il-membri indipendenti għandhom jibqgħu fil-kariga għal dak iż-żmien, li ma jkunx anqas minn tliet snin, li jkun speċifikat fl-ittra li biha jkunu nħatru, u jekk ebda żmien ma jiġi speċifikat, għandhom jibqgħu fil-kariga għal tliet snin. Meta jiffissa ż-żmien tal-kariga, il-Prim Ministru għandu, kemm jista' jkun, jara li jkun hemm element ta' rotazzjoni.

(6) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), il-membri indipendenti jistgħu jirriżenjaw b'ittra indirizzata lill-Prim Ministru iżda ma jistgħux jitneħħew mill-kariga ħlief b'riżoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati minħabba f'kondotta ħażina jew inkapaċità li jaqdu d-dmirijiet tal-kariga tagħhom.

(7) Il-membri l-oħra tal-Awtorità jibqgħu fil-kariga sakemm jiġu sostitwiti mill-Prim Ministru u sakemm jibqgħu uffiċjali pubbliċi.

(8) Persuna li ma tibqax membru tal-Awtorità tista', jekk tkun kwalifikata għal hekk, terġa' tinħatar; iżda ebda persuna m'għandha, b'kollox, tibqa' membru tal-Awtorità għal iktar minn seba' snin wara xulxin.

(9) Il-Ministru jista' jistabilixxi b'regolamenti l-mod li bih il-proċedimenti tal-Awtorità għandhom jiġu regolati.

(10) L-Awtorità għandha tibgħat kopja tal-aġenda, minuti u dokumenti relattivi tal-laqgħat tagħha lill-Ministru għall-informazzjoni tiegħu.

Personalità ġuridika u rappreżentanza tal-Awtorità.

**7.** (1) L-Awtorità tkun enti morali b'personalità ġuridika distinta u tkun tista', bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, tagħmel kuntratti, takkwista, iżżomm u tiddisponi minn kull xorta ta' proprjetà għall-għanijiet tal-funzjonijiet tagħha, tħarrek, tiġi mħarrka, u tagħmel kull ħaġa u tidħol f'kull operazzjoni li jkunu inċidentali

jew iwasslu għall-eżerċizzju jew għall-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, magħdud li tislef jew tissellef il-flus.

(2) Ir-rappreżentanza legali u ġuridika tal-Awtorità tkun vestita fiċ-*Chairperson*:

Iżda l-Awtorità tista' taħtar lil xi wieħed jew aktar mill-membri l-oħra tagħha jew lil xi wieħed jew aktar mill-uffiċjali tagħha biex jidhru f'isimha u għaliha f'xi proċediment ġudizzjarju u f'xi att, kuntratt, strument jew dokument ieħor, ikun li jkun, jew fil-każ li l-kariga ta' *Chairperson* tkun vakanti.

(3) Fl-assenza taċ-*Chairperson*, jew jekk iċ-*Chairperson* ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, kemm jekk taħt din id-dispożizzjoni kif ukoll jekk taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att, wieħed mill-viċi-*chairpersons* għandu jaqdi dawk il-funzjonijiet u għandhom jalternaw ċ-*chairpersonship* tal-Awtorità bejniethom safejn ikun prattiku.

Funzjonijiet tal-Awtorità.

**8.** (1) L-Awtorità għandha tkun il-mezz prinċipali li bih il-Gvern jaqdi dmirijietu taħt dan l-Att.

(2) Il-funzjonijiet tal-Awtorità għandhom ikunu dawk elenkati fl-Ewwel Skeda.

(3) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt is-sub-artikolu (2) l-Awtorità għandha:

(a) tara li tikkopera jew li tagħmel arranġamenti ma' entijiet jew persuni oħra sabiex hija tkun tista' twettaq jew tissorvelja aħjar it-twettiq u t-tħaris tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att;

(b) tistabbilixxi għanijiet u strateġiji fit-tul u għal żmien qasir;

(ċ) tagħti pariri lill-Ministru fuq il-ħolqien ta' normi ambjentali, linji direttivi u l-ħruġ ta' regolamenti, pjanijiet u *policies* taħt dan l-Att kif ukoll tagħti pariri fuq il-formulazzjoni u t-twettiq ta' pjanijiet ta' kontinġenza u pjanijiet ta' emerġenza, immexxija minn Awtoritajiet oħra, biex jitħares l-ambjent;

(d) toħroġ jew iżżomm kull awtorizzazzjoni jew tmexxi jew tissorvelja kull valutazzjoni, monitoraġġ jew azzjoni oħra li tista' tenħtieġ minn jew taħt dan l-Att taħt dawk il-kundizzjonijiet li tista', bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi jew ta' kull liġi oħra, tqis bħala meħtieġa biex

tikkontrolla u tiġġestixxi dawk l-attivitajiet li għandhom impatt fuq l-ambjent jew li jistgħu jkollhom impatt fuq l-ambjent;

(e) tistabbilixxi limiti dwar ir-rimi mill-produzzjoni, ġestjoni, użu, pussess jew kull attività oħra li tinvolvi prodotti u sustanzi, il-prodotti tal-iskart tagħhom u t-tniġġis;

(f) tissorvelja l-kwalità tal-ambjent u għal dak il-għan tistabilixxi indikaturi u metodoloġiji, u żżomm u xxerred informazzjoni dwar l-ambjent; u

(g) tippubblika, f'intervalli li ma jaqbżux erba' snin, rapport dwar l-istat tal-ambjent.

(4) Għal dawn il-finijiet, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità għandha tkun responsabbli:

(a) li tiżgura li verifiki dwar l-ambjent, valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-ambjent u monitoraġġ tal-ambjent kif jistgħu jiġu preskritti, isiru sew u kif dovut;

(b) għat-tħejjija tal-pjanijiet u l-*policies* inkluż kull kwistjoni oħra anċillari, inċidentali jew li twassal għalihom, u l-aġġornar tagħhom wara l-approvazzjoni tagħhom skont dan l-Att;

(ċ) għat-twettiq ta' konsultazzjonijiet mal-Gvern, ma' entijiet pubbliċi, ma' Kunsilli Lokali, ma' organizzazzjonijiet mhux governattivi, ma' organizzazzjonijiet privati u organizzazzjonijiet internazzjonali u ma' persuni oħra dwar il-ħarsien tal-ambjent u l-ġestjoni sostenibbli tal-ambjent u ta' riżorsi naturali u li tagħmel u tippromwovi riċerka dwar dawn il-materji;

(d) li tipprovdi servizzi ta' appoġġ u konsultattivi dwar il-ħarsien tal-ambjent, lill-Gvern u lil awtoritajiet lokali fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom;

(e) li tippromwovi, sew weħidha u sew f'kollaborazzjoni ma' oħrajn, programmi ta' edukazzjoni, taħriġ u għarfien pubbliku dwar il-ħarsien tal-ambjent, u l-ġestjoni sostenibbli u monitoraġġ tal-ambjent;

(f) għall-pubblikazzjoni u l-aġġornar, skont ma jeħtieġu ċ-ċirkostanzi, ta' librett uffiċjali li jkun fih dawk il-ħwejjeġ li l-Ministru jista' jordna u li għandu jkun disponibbli għall-pubbliku, iżda:

(i) l-ebda *policy* jew emenda għal tali *policy* approvata skont il-Tieni Skeda ma għandha tiġi fis-seħħ jekk ma tkunx ġiet approvata skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u ppubblikata fil-librett uffiċċjali;

(ii) *policy* jew emenda għaliha, skont kif ikun il-każ, għandha tiġi ppubblikata fil-librett uffiċċjali fi żmien xahar mid-data tal-approvazzjoni tagħha skont dan l-Att;

(iii) il-librett uffiċjali jista' jiġi ppubblikat u aġġornat f'forma elettronika jew f'kull format ieħor li l-Awtorità tista' tapprova;

(g) li twettaq kull funzjoni oħra li tista' minn żmien għal żmien tiġi assenjata lilha mill-Ministru, inklużi l-funzjonijiet meħtieġa sabiex jagħtu seħħ lil xi obbligu internazzjonali, inklużi obbligi Ewropej u ftehim bilaterali li Malta jkollha dwar affarijiet regolati b'dan l-Att.

(5) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt it-Taqsima III u t-Taqsima V, l-Awtorità għandha tikkonsulta mal-Ministru, u għandu jkollha u tista' teżerċita xi wieħed jew aktar mill-poteri mogħtijin lilha jew fdati lilha b'dan l-Att.

(6) L-Awtorità tista' wkoll teżerċita dawk is-setgħat ta' kontroll fuq l-ambjent li jistgħu jiġu delegati lilha minn żmien għal żmien bil-miktub mill-Ministru f'isem xi dipartiment jew enti tal-Gvern.

(7) Għandha tkun il-funzjoni tal-Ministru li jiżgura li l-Awtorità tkun infurmata bis-sħiħ bid-direzzjonijiet strateġiċi tal-Gvern dwar l-ambjent, u biex twettaq monitoraġġ fuq it-twettiq xieraq ta' tali *policies*.

(8) L-Awtorità għandha tesegwixxi d-dmirijiet, il-funzjonijiet u r-responsabbiltajiet tagħha skont id-direzzjonijiet strateġiċi tal-Gvern li għandhom x'jaqsmu mal-ambjent kif ukoll il-*policies* dwar l-ambjent li huma applikabbli għal Malta.

(9) Fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità għandha, sa fejn hu possibbli, tagħmel riferenza għall-aħjar prattiċi fl-Unjoni Ewropea u ssegwihom.

(10) L-Awtorità għandha wkoll tiżgura illi żżomm traċċa ta' verifika tal-proċessi kollha tagħha, inkluż ta' kull dokumentazzjoni u rapport.

(11) L-Awtorità tista' tesiġi li kwalunkwe detentur ta'

informazzjoni ambjentali jipprovdilha kull informazzjoni, inkluża informazzjoni finanzjarja li l-Awtorità tqis bħala meħtieġa biex tassigura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, ma' regolamenti preskritti taħtu u ma' deċiżjonijiet jew direttivi magħmula skond dan l-Att, skont regolamenti prrskritti taħtu jew skont xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd tinforza. Kull persuna li tonqos jew tirrifjuta li tipprovdi l-imsemmija informazzjoni tkun qed taġixxi b'kontravvenzjoni ta' dan l-Att u tkun soġġetta għall-impożizzjoni ta' multa amministrattiva kif jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità.

Delega tal-poter.

**9.** Bla ħsara għaż-żamma tal-kontroll u superviżjoni ġenerali, u dment li xorta tkun qed tħares id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, tiddelega xi waħda jew iżjed mill-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att taħt dawk il-kondizzjonijiet li jidhrilha xierqa. B'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ssemma qabel, l-Awtorità tista' tiddelega kif imsemmi lil, jew teżerċita flimkien ma', il-Kummissarju tal-Pulizija, jew xi kunsill lokali jew xi korp ieħor, awtorità oħra jew kuntrattur ieħor, kull waħda mill-funzjonijiet vestiti fiha skont it-Taqsima VII u l-Awtorità jkollha wkoll is-setgħa li tiddelega xi poteri tagħha ta' infurzar, inkluż il-ġbir ta' penali msemmija f'dan l-Att, lill-gwardjani lokali maħtura skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Gwardjani Privati u Lokali, jew lil awtoritajiet oħra minbarra dawk imsemmija, skont kif meħtieġ, skont dik il-proċedura li l-Ministru jista' bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-kunsilli lokali jippreskrivi. Avviż ta' kull delega bħal dik għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta. L-Awtorità jkollha d-dritt li tirtira din id-delega kif jidhrilha b'effett immedjat.

Kap. 389.

Ħatra ta' Bordijiet u ta' Kumitati Konsultattivi.

**10.** L-Awtorità tista' bl-approvazzjoni tal-Ministru taħtar bordijiet u kumitati konsultattivi sabiex jgħinuha fil-qadi tal-funzjonijiet tagħha taħt din il-liġi jew taħt xi liġi oħra. Il-funzjonijiet ta' dawn il-bordijiet u kumitati għandhom jiġu prrskritti mill-Awtorità bl-approvazzjoni tal-Ministru.

Tmexxija tax-xogħol tal-Awtorità.

**11.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-ħidma u l-attività tal-Awtorità għandhom ikunu r-responsabbiltà tal-Awtorità, iżda ħlief kif issemma qabel, it-tmexxija eżekuttiva tal-Awtorità, u l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni tagħha għandhom jitwettqu kif jiġi deċiż minn żmien għal żmien mill-Awtorità, sew direttament u sew permezz ta' xi uffiċċjali tagħha li jkunu awtorizzati għal dan l-iskop.

Ħatriet ta' uffiċjali.

**12.** (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-Kostituzzjoni u ta' kull liġi oħra li tgħodd għalihom, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, l-impjieg u l-ħatra ta' uffiċjali

tal-Awtorità jsiru mill-Awtorità u l-patti u l-kundizzjonijiet tal-impjieg u tal-ħatra għandhom jiġu stabbiliti mill-Awtorità wara li jkun qabel magħhom il-Ministru.

(2) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, twaqqaf skema jew skemi b'arranġamenti kontributorji jew mhux kontributorji jew b'taħlita tat-tnejn li huma, għall-ħlas lill-uffiċjali tagħha, jew lid-dipendenti tagħhom, meta jirtiraw, imutu jew ikorru, ta' pensjonijiet, gratifikazzjonijiet u benefiċċji oħra bħalhom.

Żvelar ta' interessi.

**13.** (1) Meta xi membru tal-Awtorità, jew xi uffiċjal tal-Awtorità, jew konsulent jew xi persuna oħra ingaġġata mill-Awtorità, ikollu interess fi, jew li jkollu x'jaqsam ma' xi ħaġa li tkun ser tiġi kkunsidrata mill-Awtorità, huwa għandu -

(a) jiżvela lill-Awtorità n-natura tal-interess waqt l-ewwel laqgħa tal-Awtorità wara li jkun akkwista dak l-interess jew inkella qabel kull kunsiderazzjoni ta' dik il-ħaġa, skont ma jiġi l-ewwel, u skont dawk id-direttivi li toħroġ l-Awtorità kull tant żmien;

(b) la jinfluwenza lanqas jipprova jinfluwenza l-ipproċessar u d-deċiżjoni dwar dik il-ħaġa;

(ċ) ma jieħux sehem waqt li dik il-ħaġa tkun qiegħda tiġi kkunsidrata; u

(d) la jattendi u lanqas jipparteċipa fl-ebda laqgħa fuq dik il-ħaġa.

(2) Meta jkun hemm xi kwistjoni dwar jekk ċertu kondotta ta' xi persuna tkunx tikkostitwixxi jew le nuqqas minn dik il-persuna li tosserva r-rekwiżiti tas-subartikolu (1), il-kwistjoni għandha tiġi deċiża mill-Awtorità u d-deċiżjoni u l-motivazzjoni tagħha għandhom jiġu reġistrati fil-minuti tal-laqgħa li fiha tkun ittieħdet id-deċiżjoni u l-persuna tkun hekk infurmata.

(3) Meta ssir dikjarazzjoni lill-Awtorità skont is-subartikolu (1), id-dettalji tad-dikjarazzjoni għandhom jiġu reġistrati fil-minuti tal-laqgħa li fiha tkun saret dik id-dikjarazzjoni.

(4) Meta persuna li għaliha jkun japplika s-subartikolu (1) tonqos milli tagħmel id-dikjarazzjoni meħtieġa, l-Awtorità għandha tiddeċiedi dwar l-azzjoni xierqa li għandha tittieħed, li tista' tinkludi t-tneħħija mill-kariga jew it-tmiem tal-kuntratt tal-persuna involuta.

**14.** L-Awtorità għandha taħtar u timpjega, b'dik ir-rimunerazzjoni u taħt dawk il-patti u kundizzjonijiet li tista' tistabbilixxi skont l-artikolu 12, dawk l-uffiċjali tal-Awtorità li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa għall-qadi xieraq u effiċjenti tal-funzjonijiet tal-Awtorità.

Ħatra u funzjonijiet ta' uffiċjali tal-Awtorità.

**15.** (1) Il-Prim Ministru jista', b'talba tal-Awtorità, minn żmien għal żmien jordna li xi uffiċjal pubbliku jiġi assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità f'dik il-kariga u taħt dawk il-kundizzjonijiet u b'seħħ minn dik id-data li huwa jista' jispeċifika.

Assenjazzjoni ta' uffiċjali pubbliċi għal dmirijiet mal-Awtorità.

(2) Kemm-il darba l-uffiċjal ma jirtirax mis-servizz pubbliku u ma jieqafx b'xi mod ieħor milli jokkupa l-kariga f'data li tkun ġiet qabel, u dment li ma jiġix speċifikat żmien differenti f'dik id-direttiva, iż-żmien li matulu direttiva kif hawn qabel imsemmi għandha tapplika għal xi uffiċjal speċifikat fiha għandu jintemm malli tiġri xi waħda mill-ġrajjiet li ġejjin:

(a) l-aċċettazzjoni minn dak l-uffiċjal ta' offerta ta' trasferiment għas-servizz ta', u impjieg permanenti ma', l-Awtorità skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 17; jew

(b) ir-revoka ta' dik id-direttiva mill-Prim Ministru, jew mill-Ministru.

(3) Meta direttiva dwar xi uffiċjal kif imsemmi hawn aktar qabel tiġi revokata mill-Prim Ministru jew mill-Ministru, il-Prim Ministru jista' b'direttiva oħra, jassenja lil dak l-uffiċċjal għal dmirijiet mal-Awtorità f'dik il-kariga u b'seħħ minn dik id-data li tista' tiġi speċifikata fid-direttiva tal-Prim Ministru, u malli jsir hekk id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (2) għandhom jibdew igħoddu dwar iż-żmien tal-assenjazzjoni ta' dak l-uffiċjal permezz ta' kull direttiva oħra bħal dik.

**16.** (1) Meta xi uffiċjal pubbliku jiġi assenjat fuq dmirijiet mal-Awtorità skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15, dak l-uffiċjal għandu, matul dak iż-żmien li fih dik id-direttiva dwaru tkun fis-seħħ, ikun taħt l-awtorità amministrattiva u l-kontroll tal-Awtorità, iżda dan għandu għall-finijiet u effetti kollha jibqa' u jitqies u jiġi trattat bħala uffiċjal pubbliku.

Stat ta' uffiċjali pubbliċi assenjati fuq dmirijiet mal-Awtorità.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ssemma hawn aktar qabel, uffiċjal assenjat fuq dmirijiet kif hawn aktar qabel imsemmi -

(a) m'għandux matul iż-żmien li dwaru jkun hekk assenjat -

(i) ikun imċaħħad milli japplika għal trasferiment f'dipartiment tal-Gvern skont il-patti u l-kundizzjonijiet tas-servizz marbutin mal-ħatra tal-Gvern li hu jkollu fid-data li fiha jkun ġie hekk assenjat; jew

(ii) ikun hekk impjegat li r-rimunerazzjoni u kundizzjonijiet tas-servizz tiegħu jkunu anqas favorevoli minn dawk tal-ħatra mal-Gvern li hu jkollu f'dik id-data jew li jistgħu jkunu marbuta ma' dik il-ħatra matul iż-żmien imsemmi, kieku dak l-uffiċċjal ma kienx imqabbad jaqdi dmirijiet mal-Awtorità:

Iżda t-termini u l-kundizzjonijiet m'għandhomx jitqiesu bħala anqas favorevoli għax ma jkunux fid-dettalji kollha l-istess bħal, jew aħjar minn, dawk li diġà għandu dak l-uffiċċjal fid-data ta' meta ġie assenjat, jekk fil-fehma tal-Prim Ministru, dawk il-patti u l-kundizzjonijiet, meħuda flimkien, joffru benefiċċji li b'mod sostanzjali jkunu indaqs jew akbar; u

(b) ikollu l-jedd li s-servizz tiegħu mal-Awtorità jkun meqjus bħala servizz mal-Gvern għall-finijiet ta' xi pensjoni,
Kap. 93. gratifikazzjoni, jew benefiċċju taħt l-Ordinanza dwar il-
Kap. 58. Pensjonijiet, u l-Att dwar il-Pensjonijiet lin-Nisa Romol u Tfal Iltiema, u għall-finijiet ta' kull jedd jew privileġġ ieħor li jkollu dritt għalih, u jkun soġġett għal kull responsabbiltà li jkun responsabbli għaliha kieku ma kienx ġie assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità:

Iżda fil-valutazzjoni tal-emolumenti pensjonabbli tal-uffiċjal għall-finijiet ta' kull liġi relatata mal-pensjonijiet tas-servizzi tal-gvern, l-ebda konsiderazzjoni m'għandha tittieħed ta' kwalunkwe konċessjoni, bonus jew gratifikazzjonijiet imħallsa lil dak l-uffiċċjal mill-Awtorità li jeċċedi dak li hu intitolat għalih bħala uffiċjal pubbliku.

(3) Meta ssir applikazzjoni kif previst fis-subartikolu (2)(a)(i), din għandha tiġi kkunsidrata daqslikieku l-applikant ma ġiex assenjat għal servizz mal-Awtorità.

(4) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa minħabba l-pensjonijiet u l-gratifikazzjonijiet dovuti lil uffiċjal assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità kif hawn aktar qabel imsemmi matul iż-żmien li fih ikun hekk assenjat.

**17.** (1) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Prim Ministru jew tal-Ministru, toffri lil kull uffiċjal assenjat għal dmirijiet mal-Awtorità skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 15, impjieg permanenti mal-Awtorità b'rimunerazzjoni, patti u kundizzjonijiet mhux anqas favorevoli minn dawk li jkollu dak l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta, f'kull każ li jkollu esperjenza adegwata fil-qasam tal-operat. Offerta ta' impjieg permanenti mal-Awtorità lil uffiċjali pubbliċi assenjati għal dmirijiet mal-Awtorità.

(2) Il-patti u l-kundizzjonijiet inklużi f'kull offerta magħmula kif imfisser hawn qabel m'għandhomx jitqiesu bħala anqas favorevoli minħabba biss li ma jkunux fid-dettalji kollha bħal, jew aħjar minn, dawk li diġà għandu l-uffiċjal fid-data ta' dik l-offerta, jekk fil-fehma tal-Prim Ministru jew tal-Ministru dawk il-patti u l-kundizzjonijiet, meħuda flimkien, joffru benefiċċji li b'mod sostanzjali jkunu indaqs jew akbar.

(3) Kull uffiċjal li jaċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità li jiġi offrut lilu skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandu, għall-finijiet kollha ħlief dawk tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet u tal-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 35, jitqies li jkun temm is-servizz mal-Gvern u li jkun beda s-servizz mal-Awtorità fid-data tal-aċċettazzjoni tiegħu, u għall-finijiet tal-imsemmija Ordinanza u tal-imsemmi Att, safejn jgħoddu għalih, servizz mal-Awtorità għandu jitqies bħala servizz mal-Gvern fit-tifsiriet li hemm fihom rispettivament. Kap.93. Kap.58.

(4) Kull uffiċjal kif hawn qabel imsemmi li, minnufih qabel ma aċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità kellu dritt jibbenefika taħt l-Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema, għandu jibqagħlu d-dritt li jibbenefika taħtu għall-finijiet kollha bħallikieku s-servizz tiegħu mal-Awtorità kien servizz mal-Gvern. Kap. 58.

(5) L-Awtorità għandha tħallas lill-Gvern dawk il-kontribuzzjonijiet li minn żmien għal żmien jiġu stabbiliti mill-Ministru responsabbli għall-finanzi dwar in-nefqa għall-pensjonijiet u gratifikazzjonijiet dovuti lil uffiċjal li jkun aċċetta impjieg permanenti mal-Awtorità kif hawn qabel imsemmi matul il-perijodu li jibda fid-data tal-aċċettazzjoni ta' dak l-uffiċjal.

(6) Għall-finijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, l-emolumenti pensjonabbli mal-irtirar ta' dak l-uffiċjal pubbliku għandhom jitqiesu li jkunu l-emolumenti pensjonabbli li jitħallsu lil xi uffiċjal fis-servizz tal-Gvern fi grad u f'livell inkrementali li jikkorrispondi għall-kariga u livell inkrementali li jkollu l-uffiċjal fid-data meta jirtira minn mal-Awtorità. Kap. 93.

(7) (a) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, karigi u gradi ta'

salarju mal-Awtorità għandhom jiġu klassifikati fil-gradi u fil-livelli inkrementali li l-aktar jikkorrispondu fis-servizz mal-Gvern b'referenza għad-deskrizzjoni tax-xogħol, il-ħiliet, ir-responsabbiltajiet u fatturi oħra analogi.

(b) Il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu (a) għandha ssir minn bord magħmul minn *chairman* li jinħatar mill-Ministru responsabbli għall-finanzi u minn żewġ membri oħra, wieħed maħtur mill-Ministru responsabbli b'mod ġenerali għall-affarijiet li għandhom x'jaqsmu mal-persunal fis-servizz pubbliku u wieħed maħtur mill-Awtorità. Il-klassifikazzjoni tkun soġġetta għall-approvazzjoni finali tal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(ċ) Dik il-klassifikazzjoni għandha issir fi żmien tliet xhur minn kull aġġustament ta' salarji ta' uffiċjali fis-servizz tal-Gvern u, jew ta' uffiċjali tal-Awtorità.

(d) L-ebda kariga m'għandha tiġi kklassifikata fi grad ogħla minn dak ta' Grad 3 fis-servizz tal-Gvern jew tali grad ieħor li l-Ministru responsabbli għall-finanzi jista' minn żmien għal żmien jiddetermina b'avviż fil-Gazzetta.

(e) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 113 tal-Kostituzzjoni, ħadd ma jista', wara klassifikazzjoni bħal dik imsemmija, ikollu jedd għal xi dritt taħt l-imsemmija Ordinanza dwar il-Pensjonijiet li jkun anqas favorevoli minn dawk li kieku kien ikollu jedd għalihom qabel dik il-klassifikazzjoni.

Kap. 93.

Ingaġġ ta' konsulenti u ta' persuni oħra.

**18.** L-Awtorità tista' tingaġġa konsulenti skont ma tqis li jkun meħtieġ sabiex jgħinuha twettaq il-funzjonijiet tagħha.

L-Awtorità tħallas l-infiq mid-dħul tagħha.

**19.** (1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet segwenti ta' dan l-artikolu, il-Kunsill Eżekuttiv għandu hekk imexxi l-affarijiet tal-Awtorità li n-nefqa meħtieġa għat-twettiq xieraq tal-funzjonijiet tagħha għandhom jitħallsu, daqskemm ikun prattikabbli, mid-dħul tagħha.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1) l-Awtorità għandha tiġbor kull dritt, rata u ħlas ieħor preskritt jew meqjus li jkun preskritt minn jew taħt dan l-Att jew taħt xi liġi oħra li tkun tipprovdi għal ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu mas-setgħat u l-funzjonijiet vestiti fl-Awtorità b'dan l-Att jew taħt dan l-Att.

(3) L-Awtorità għandha wkoll tiġi mħallsa mill-Gvern mill-Fond Konsolidat dawk l-ammonti ta' flus li l-Parlament jista' minn żmien għal żmien jawtorizza li jiġu approprijati biex minnhom jitħallsu l-ispejjeż ta' xogħlijiet speċifikati jew attivitajiet li għandhom jitkomplew jew inkella jsiru mill-Awtorità.

(4) Bla ħsara għal dawk id-direttivi li l-Ministru jista' jagħti minn żmien għal żmien, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, kull eċċess ta' dħul fuq l-infiq għandu ikun jintuża mill-Awtorità għall-formazzjoni ta' fondi ta' riserva li jintużaw għall-għanijiet tal-Awtorità. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħat mogħtija lill-Ministru li jagħti direttivi taħt dan is-subartikolu, kull direttiva mogħtija mill-Ministru kif imsemmi hawn aktar qabel tista' tordna t-trasferiment lill-Gvern, jew l-applikazzjoni b'dak il-mod li jista' jiġi speċifikat fid-direttiva, ta' xi sehem mid-drittijiet, rati u ħlasijiet oħra miġbura skont is-subartikolu (2).

(5) Kull fond tal-Awtorità li ma jkunx minnufih meħtieġ għall-ħlas tal-infiq jista' jiġi investit mill-Awtorità b'dak il-mod li jista' minn żmien għal żmien jiġi approvat mill-Ministru.

Setgħa ta' self jew ġbir ta' kapital.

**20.** (1) Biex taqdi kull funzjoni tagħha taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', bl-approvazzjoni bil-miktub mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, tissellef, inkluż permezz ta' ġbid skopert ta' fondi jew xort'oħra, jew tiġbor flus b'dak il-mod, mingħand dik il-persuna, korp jew awtorità, u taħt dawk il-patti u kondizzjonijiet li l-Ministru, wara konsultazzjoni kif hawn qabel imsemmi, jista' japprova bil-miktub.

(2) L-Awtorità tista' wkoll, minn żmien għal żmien, tissellef, b'*overdraft* jew xort'oħra, dawk l-ammonti ta' flus li tista' tkun teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att:

Iżda għal kull ammont li jkun jeċċedi miljun euro (€1,000,000) għandha tkun meħtieġa l-approvazzjoni tal-Ministru bil-miktub.

Avvanzi mill-Gvern.

**21.** Il-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jgħaddi lill-Awtorità dawk is-somom li huwa jaqbel li jkunu meħtieġa mill-Awtorità biex taqdi waħda jew aktar mill-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att, u jista' jgħaddi dawk is-somom taħt dawk il-patti u kundizzjonijiet li, wara l-imsemmija konsultazzjoni, jidhrulu xierqa. Is-somom kollha bħal dawk jistgħu jiġu mgħoddija mill-Ministru responsabbli għall-finanzi mill-Fond Konsolidat, u mingħajr approprjazzjoni oħra ħlief dan l-Att, b'mandat iffirmat minnu li jawtorizza lill-*Accountant General* biex jgħaddi dawk is-somom.

Self mingħand il-Gvern.

**22.** (1) Il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', għal kwalunkwe ħtieġa tal-Awtorità ta' xorta kapitali, jappalta jew joħloq self, jew jinkorri obbligi, għal dawk il-perjodi u b'dawk il-patti u kundizzjonijiet li huwa jqis xierqa; u kull ammont ta' flus dovut għal jew b'rabta ma' xi self jew obbligu bħal dawn għandu jinħareġ mill-

Fond Konsolidat.

(2) Kemm jista' jkun malajr, il-Kamra tad-Deputati għandha tiġi avżata dwar kull self jew obbligu magħmul jew somom li jiġu mgħoddija taħt id-dispożizzjonijiet ta' qabel ta' dan l-artikolu.

(3) Sakemm jinħoloq xi self bħal dak imsemmi fis-subartikolu (1), jew bil-għan li l-Awtorità tiġi provduta b'kapital finanzjarju, il-Ministru responsabbli għall-finanzi jista', permezz ta' ordni li jkun iġġib il-firma tiegħu, u mingħajr ebda approprijazzjoni oħra ħlief dan l-Att, jawtorizza lill-*Accountant General* li jgħaddi flus lill-Awtorità mill-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor taħt dawk il-patti li jistgħu jiġu speċifikati mill-Ministru meta dawn isiru.

(4) Ir-rikavat ta' kull self maħluq għall-għanijiet li jiġu mgħoddija flus lill-Awtorità, u l-flejjes oħra li jridu jiġu mgħoddija lill-Awtorità taħt dan l-artikolu, għandhom jitħallsu ġo fond imwaqqaf apposta għalhekk u li jkun magħruf bħala "il-Fond ta' Self għall-Awtorità".

(5) L-ammonti ta' flus li l-*Accountant General* jirċievi mill-Awtorità bħala ħlas lura ta' flus li mgħoddija lill-Awtorità taħt is-subartikolu (3) għandhom jitħallsu fil-Fond ta' Ħelsien tat-Teżor u l-ammonti ta' flus li jkun irċieva l-*Accountant General* bħala mgħax fuq dawk l-avvanzi għandhom jitħallsu lill-Fond Konsolidat.

Estimi tal-Awtorità.

**23.** (1) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb tħejji f'kull sena finanzjarja, u għandha taddotta mhux aktar tard minn erba' ġimgħat qabel tmiem dik is-sena, estimi ta' dħul u nfiq tal-Awtorità għas-sena finanzjarja li jmiss:

Iżda l-estimi għall-ewwel sena finanzjarja tal-Awtorità għandhom jitħejjew u jiġu adottati sa dak iż-żmien li l Ministru jista' jispeċifika b'avviż bil-miktub lill-Awtorità.

(2) Fit-tħejjija ta' dawk l-estimi, l-Awtorità għandha tikkunsidra kull fond u flejjes oħra li jkollhom jitħallsu lilha mill-Fond Konsolidat matul is-sena finanzjarja rilevanti, kemm jekk bis-saħħa ta' dan l-Att kif ukoll jekk b'att ta' approprjazzjoni jew b'xi liġi oħra; u l-Awtorità għandha wkoll tħejji l-imsemmija estimi b'tali mod li tiżgura li d-dħul totali tal-Awtorità jkun għall-anqas biżżejjed biex jitħallsu s-somom kollha li għandhom jitħallsu mill-kont tad-dħul tagħha, magħdud, iżda bla ħsara għall-ġeneralità ta' dik it-tifsira, id-deprezzament.

(3) L-estimi għandhom isiru f'dik il-forma u għandu jkun fihom dak it-tagħrif u dawk il-paraguni mas-snin ta' qabel kif jista' jordna l-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(4) Kopja tal-estimi għandha, malli dawn jiġu addottati mill-Awtorità, tintbagħat minnufih lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi.

(5) Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità, u mhux aktar tard minn sitt ġimgħat wara li jkun irċieva kopja tal-estimi mingħand l-Awtorità, japprova dawk l-estimi, b'xi emendi jew mingħajr emendi, wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

**24.** (1) M'għandu jsir ebda nfiq mill-Awtorità kemm-il darba ma jkunx sar provvediment għalih fl-estimi approvati kif previst fl-artikolu 23.

L-infiq ikun skont l-estimi approvati.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) -

(a) sakemm jgħaddu sitt xhur mill-bidu ta' sena finanzjarja, jew sakemm ikun hemm l-approvazzjoni tal-estimi għal dik is-sena mill-Kamra, skont liema tkun l-ewwel data, l-Awtorità tista' tagħmel infiq biex taqdi l-funzjonijiet tagħha skont dan l-Att li b'kollox ma jkunx aktar minn nofs l-ammont approvat għas-sena finanzjarja ta' qabel;

(b) infiq approvat dwar kap jew sottokap tal-estimi jista', bl-approvazzjoni tal-Ministru mogħtija wara konsultazzjoni mal-Ministru responsabbli għall-finanzi, isir dwar kap jew sottokap ieħor tal-estimi;

(ċ) jekk dwar xi sena finanzjarja jinsab li l-ammont approvat fl-estimi ma jkunx biżżejjed jew tinqala' l-ħtieġa għal infiq li ma jkunx provdut għalih fl-estimi, l-Awtorità tista' tadotta estimi supplementari għall-approvazzjoni tal-Ministru u f'kull każ bħal dak id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att li jgħoddu għall-estimi għandhom jgħoddu kemm jista' jkun prattikabbli għall-estimi supplementari;

(d) dan m'għandux jgħodd għal ċerti azzjonijiet ta' emerġenza li l-Awtorità jista' jkollha bżonn tieħu, jekk l-ebda dispożizzjoni għal tali azzjoni ma tkun disponibbli fl-estimi finanzjarji.

**25.** Il-Ministru għandu, mal-ewwel opportunità, iżda mhux aktar tard minn tmien ġimgħat wara li hu jkun irċieva kopja tal-estimi u tal-estimi supplementari tal-Awtorità, jew jekk f'xi żmien matul dak il-perijodu l-Kamra tad-Deputati ma tkunx qed tiltaqa', fi żmien tmien ġimgħat mill-bidu tas-sessjoni li tiġi minnufih wara, jieħu ħsieb li dawk l-estimi jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati, flimkien ma' mozzjoni li l-Kamra tapprova dawk l-estimi. Għandha tingħata ġurnata għad-diskussjoni ta' dik il-mozzjoni fil-Kamra; u

Pubblikazzjoni ta' estimi approvati.

kemm il-mozzjoni kif ukoll l-approvazzjoni tal-estimi mill-Kamra jistgħu jkunu b'emendi għall-estimi jew mingħajrhom.

Kontijiet u verifika.

**26.** (1) L-Awtorità għandha tieħu ħsieb li żżomm kontijiet xierqa u dokumentazzjoni oħra dwar ix-xogħol tagħha, u għandha tieħu ħsieb li tħejji dikjarazzjoni ta' kontijiet dwar kull sena finanzjarja.

(2) Il-kontijiet tal-Awtorità għandhom jiġu verifikati minn awditur jew awdituri nominati mill-Awtorità u approvati mill-Ministru:

Iżda l-Ministru reponsabbli għall-finanzi jista', wara konsultazzjoni mal-Ministru, jesiġi li l-kotba u l-kontijiet tal-Awtorità jiġu verifikati jew eżaminati mill-Awditur Ġenerali li għal dan il-għan ikollu s-setgħa li jagħmel kull verifika fiżika u verifiki oħra li jidhirlu meħtieġa.

(3) L-Awtorità għandha, skont regolamenti pubblikati mill-Ministru, tara li kopja tad-dikjarazzjoni tal-kontijiet verifikati kif imiss tintbagħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi flimkien ma' kopja ta' kull rapport magħmul mill-awditur fuq dak il-prospett jew il-kontijiet tal-Awtorità.

(4) Il-Ministru għandu jieħu ħsieb li kopja ta' kull dikjarazzjoni u rapport bħal dawk jitqiegħdu quddiem il-Kamra kemm jista' jkun malajr.

Depożitu ta' dħul u ħlasijiet mill-Awtorità.

**27.** (1) Il-flejjes kollha miġbura mill-Awtorità għandhom jitqiegħdu f'bank jew f'banek maħtura bħala bankiera tal-Awtorità b'riżoluzzjoni tal-Awtorità. Dawk il-flejjes għandhom, safejn dan jista' jsir, jitħallsu f'dak il-bank minn ġurnata għall-oħra, ħlief dik is-somma li l-Awtorità tista' tawtorizza li tinżamm biex jitħallsu l-ispejjeż żgħar u l-ħlasijiet fil-pront.

(2) Il-ħlasijiet kollha mill-fondi tal-Awtorità, ħlief spejjeż żgħar li ma jaqbżux ammont stabbilit mill-Awtorità, għandhom isiru minn dak l-uffiċjal jew minn dawk l-uffiċjali tal-Awtorità li l-Awtorità tista' taħtar jew tinnomina għal dak il-għan.

(3) Ċekkijiet maħruġin fuq, u rtirar minn, kull kont tal-Awtorità fil-bank għandhom ikunu ffirmati minn dak l-uffiċjal tal-Awtorità li jista' jinħatar jew ikun nominat mill-Awtorità għal dak il-għan u għandhom ikunu kontrofirmati miċ-*Chairperson* jew minn dak il-membru jew uffiċjal ieħor tal-Awtorità skond ma jkun awtorizzat mill-Awtorità għal hekk.

(4) L-Awtorità għandha wkoll tipprovdi dwar -

(a) il-mod li bih jiġu awtorizzati jew approvati l-ħlasijiet, u l-uffiċjal jew l-uffiċjali li għandhom jawtorizzaw jew japprovaw il-ħlasijiet;

(b) it-titlu ta' kull kont fil-bank jew banek li għal ġo fihom għandhom jitħallsu l-flus tal-Awtorità, u t-trasferiment ta' fondi minn kont għall-ieħor;

(ċ) il-metodu li għandu jintuża fil-ħlasijiet mill-fondi tal-Awtorità, u b'mod ġenerali dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam maż-żamma u l-kontroll xieraq tal-kontijiet u tal-kotba, u l-kontroll tal-finanzi, tal-Awtorità.

**28.** L-Awtorità ma għandhiex tagħti jew tidħol f'xi kuntratt għall-provvista ta' oġġetti jew materjali jew għat-twettiq ta' xogħlijiet, jew għall-għoti ta' servizzi, lill-Awtorità jew għall-benefiċċju tagħha, ħlief skont ir-regolamenti fis-seħħ dwar l-akkwist tal-oġġetti u servizzi fis-settur pubbliku. Kuntratti ta' provvista jew xogħlijiet.

**29.** L-Awtorità għandha, skont regolamenti magħmulin mill-Ministru, tagħmel u tibgħat lill-Ministru u lill-Ministru responsabbli għall-finanzi rapport li jkun jittratta b'mod ġenerali dwar l-attivitajiet tal-Awtorità matul dik is-sena finanzjarja u li jkun fih dak it-tagħrif dwar il-proċedimenti u l-linja tal-politika tal-Awtorità skont ma xi wieħed mill-Ministri msemmija jesiġi minn żmien għal żmien. Il-Ministru għandu jara li titqiegħed kopja ta' kull rapport bħal dan fuq il-Mejda tal-Kamra malajr kemm jista' jkun. Rapport annwali.

**30.** L-Awtorità għandha tkun ħielsa minn kull obbligu għall-ħlas ta' taxxa fuq id-dħul jew taxxa tal-boll li tkun fis-seħħ f'dak iż-żmien f'Malta. Eżenzjoni mit-taxxa.

2. Kumitati, Bordijiet u Fondi

**31.** Il-Ministru għandu jirreferi dawn li ġejjin lill-Kumitat Permanenti għall-Ippjanar u l-Ambjent: Kumitat Permanenti għall-Ippjanar u l-Ambjent.

(a) kull pjan li jitressaq quddiem il-Kamra tad-Deputati skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att. Il-Kumitat Permanenti għall-Ippjanar u l-Ambjent għandu jirrakkomanda lill-Kamra jekk dak il-pjan għandux jiġi approvat, approvat b'emendi jew skartat;

(b) l-Istrateġija dwar l-Ambjent u r-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent;

(ċ) kull rapport, pjan jew *policy* oħra skont ma l-Ministru jqis li hu meħtieġ.

Il-Fond dwar l-Ambjent u Fondi oħra.

**32.** (1) L-Awtorità għandha twaqqaf fond, li jkun magħruf bħala l-Fond għall-Ambjent.

(2) Il-Fond għall-Ambjent għandu jkun amministrat mill-Awtorità.

(3) Il-Fond għall-Ambjent għandu jintuża biex jiffinanzja proġetti, programmi u skemi relatati mal-għanijiet u l-objettivi ta' dan l-Att, spejjeż sabiex dawn l-għanijiet u objettivi jintlaħqu u jiġu ġestiti, studji, kif ukoll xogħlijiet li jistgħu jinħtieġu għal dak l-għan jew biex tiġi rimedjata ħsara kaġunata lill-ambjent, kif jista' jordna l-Ministru f'konsultazzjoni mal-Awtorità:

Iżda, bla ħsara għal dak li jingħad f'dan is-subartikolu, il-Fond għall-Ambjent m'għandux jintuża biex jiffinanzja spejjeż oħra tal-Awtorità:

Iżda wkoll l-Awtorità tista' titlob ħlas mill-Fond għall-Ambjent għal servizzi mogħtija minnha lill-istess Fond.

(4) Għandu jitħallas fil-Fond:

(a) kull ammont approprijat mill-Parlament għal dak il-għan;

(b) kull donazzjoni jew għotja magħmula lill-Fond għall-Ambjent minn individwi jew istituzzjonijiet;

(ċ) ammonti li l-Awtorità tirċevi bil-għan li jitqiegħdu fil-Fond għall-Ambjent;

(d) dawk l-ammonti jew flejjes oħra li jistgħu minn żmien għal żmien jiġu provduti minn, jew taħt, din il-liġi jew xi liġi jew regolamenti oħra:

Iżda l-Awtorità għandha tapplika s-salvagwardji rilevanti kollha biex tiżgura li t-twettiq ta' dan is-subartikolu ma jwassal għal ebda kunflitt ta' interessi reali jew perċepit fil-qadi tal-funzjonijiet regolatorji tagħha, u lanqas ma jtebba' l-fama tagħha jew il-fiduċja pubblika fiha. Dawn is-salvagwardji għandhom jinkludu, fost oħrajn u skont kif jitqies bħala l-aktar rilevanti:

(a) separazzjoni funzjonali u operattiva xierqa;

(b) barrikati amministrattivi interni; u

(ċ) rifjut ta' donazzjonijiet jew għotjiet offruti lilha, finanzjarjament jew xort'oħra, li jistgħu jintroduċu kunflitt ta'

interessi probabbli jew prevedibbli.

(5) Il-Fond għall-Ambjent għandu jżomm kont kif dovut tad-dħul u l-infiq tiegħu u l-Awtorità għandha, mingħajr preġudizzju għall-poteri tal-Awditur Ġenerali u tal-Ministru responsabbli għall-finanzi taħt kull liġi, ta' kull sena tara li l-kontijiet tal-Fond għall-Ambjent jiġu verifikati minn awdituri u *accountants* kwalifikati kif imiss u maħturin minnha bi ftehim mal-Ministru.

(6) Il-Fond għall-Ambjent għandu ta' kull sena finanzjarja jibgħat lill-Ministru, permezz tal-Awtorità, kopja tal-karta tal-bilanċ tiegħu verifikata kif imiss, flimkien ma' rapport dwar l-attivitajiet tiegħu matul is-sena finanzjarja preċedenti. Il-Ministru għandu jqiegħed kopja tal-karta tal-bilanċ u tar-rapport fuq il-Mejda tal-Kamra fi żmien xahar minn meta jirċevih mill-Awtorità.

(7) Id-dħul tal-Fond għall-Ambjent ma jkun soġġett għal ebda taxxa taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq l-*Income*, u l-Fond għall-Ambjent Kap. 123.
m'għandu jeħel ebda taxxa taħt l-Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Kap. 364.
Trasferimenti.

(8) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta lill-Awtorità, jagħmel regolamenti li jistabbilixxu l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Awtorità u li b'xi mod ieħor jirregolaw l-istess Fond.

(9) L-Awtorità tista' twaqqaf fondi oħra u tordna x'għandu jitħallas għal ġo fihom u kif dawn il-fondi għandhom jiġu amministrati u użati. Id-dispożizzjonijiet tas-subartikoli (4), (5), (6), (7) u (8) għandhom jgħoddu *mutatis mutandis* għal dawn il-fondi oħra.

**33.** (1) Għandu ikun hemm Bord ta' Reġistrazzjoni li l-funzjoni tiegħu għandha tkun li jqis l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru tal-Konsulenti eliġibbli biex iwettqu valutazzjonijiet, verifiki, monitoraġġ u studji ambjentali kif meħtieġ mill-Awtorità. Il-Bord ta' Reġistrazzjoni.

(2) Il-Bord għandu jkun magħmul minn mhux inqas minn tliet membri u mhux aktar minn ħames membri, maħturin mill-Ministru, li wieħed minnhom għandu jinħatar biex jippresjedi l-Bord.

(3) Il-membri tal-Bord għandhom ikunu membri indipendenti li ma jkunux involuti b'xi mod fit-tħejjija ta' valutazzjonijiet ambjentali jew oħrajn li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Bord.

(4) Il-Bord għandu jitlob l-opinjoni tal-Awtorità, li għandha tagħmel riferenza xierqa għan-normi u r-regolamenti applikabbli dwar il-kwalità tal-valutazzjonijiet u l-informazzjoni ambjentali

marbuta magħhom kif meħtieġa mill-Awtorità biex taqdi l-funzjoni tagħha, imbagħad iqis l-applikazzjonijiet għal dawk ir-reġistrazzjonijiet u japprova dawk li jissoddisfaw ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni. Il-Bord għandu jagħti r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tiegħu.

(5) Id-deċiżjoni tal-Bord li jagħti jew li jiċħad applikazzjoni għar-reġistrazzjoni fir-Reġistru miżmum mill-Awtorità għandha tkun notifikata bil-miktub lill-applikant mingħajr dewmien.

(6) Il-Bord jista' jordna lill-Awtorità taġġorna r-Reġistru kull tant żmien kif jidhirlu xieraq, billi jiddaħħlu oqsma oħra fir-Reġistru, ġaladarba dawk l-oqsma jistgħu jkunu evolvew fil-frattemp.

(7) Id-deċiżjonijiet tal-Bord jkunu finali. Jista' jsir appell lit-Tribunal biss għar-raġunijiet li l-Bord ikun, fid-deċiżjoni tiegħu, applika b'mod żbaljat id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu, jew li d-deċiżjoni tal-Bord tkun tikkostitwixxi abbuż ta' diskrezzjoni jew li din tkun manifestament inġusta, u mingħajr preġudizzju għal dak li ssemma qabel, id-diskrezzjoni tal-Bord ma tistax, sakemm tkun ġiet eżerċitata b'mod xieraq, tiġi dubitata mit-Tribunal. Appell minn deċiżjoni parzjali tal-Bord jista' jiġi ppreżentat biss flimkien ma' appell mid-deċiżjoni finali tal-Bord.

(8) Id-deċiżjoni tal-Bord għandha tkun vinkolanti jekk tkun appoġġata mill-opinjoni tal-maġġoranza tal-membri tiegħu, u l-membru jew membri li ma jaqblux, jekk ikun hemm, jistgħu jesprimu l-opinjoni tagħhom separatament; u d-deċiżjonijiet kollha tal-Bord għandhom ikunu mogħtija fil-pubbliku u għandhom jiġu pubblikati kemm jista' jkun malajr wara s-seduta li fiha jkunu mogħtija.

(9) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Bord, jagħmel regolamenti sabiex jagħti effett aħjar għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ssemma hawn qabel, huwa jista':

(a) jistabbilixxi l-kriterji li l-applikanti huma mistennija li jissodisfaw sabiex jikkwalifikaw għar-reġistrazzjoni;

(b) jistabbilixxi l-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Bord;

(ċ) jippreskrivi tariffa ta' miżati għar-reġistrazzjoni mal-Bord.

Setgħat tal-Bord ta' Reġistrazzjoni.

**34.** (1) Il-Bord ta' Reġistrazzjoni jista', minn jeddu jew fuq talba tal-Awtorità, jikkanċella kwalunkwe ċertifikat mogħti skont id-

dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 jew jirrifjuta kwalunkwe applikazzjoni għal tiġdid tar-reġistrazzjoni, meta d-detentur ta' dak iċ-ċertifikat:

(a) jinstab ħati minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' reat li jkun sar permezz ta' frodi, korruzzjoni, dikjarazzjoni falza, imprudenza, traskuraġni, nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni, jew nuqqas ta' osservanza ta' regolamenti; jew

(b) jinstab ħati minn qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali ta' xi reat taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħtu; jew

(ċ) fl-opinjoni tal-Awtorità u l-Bord, ikun ippreżenta xogħol ta' kwalità skadenti jew intenzjonalment qarrieqi bħala parti minn valutazzjoni ambjentali ; jew

(d) ikun ipparteċipa fil-preparazzjoni ta' valutazzjoni ambjentali fi rwol ta' konsulent meta ma kienx reġistrat fir-Reġistru; jew

(e) kien il-benefiċjarju ta' ċertifikat maħruġ taħt id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 33 abbażi ta' informazzjoni li tkun falza jew qarrieqa, jew

(f) jonqos milli jħallas il-miżata annwali għat-tiġdid tar-reġistrazzjoni.

(2) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), il-Bord jista' jagħżel is-sospensjoni, minflok il-kanċellazzjoni taċ-ċertifikat, fiċ-ċirkostanzi speċifikati fis-subartikolu (1)(d) u (f).

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), jekk persuna tipparteċipa fi rwol ta' konsulent fil-preparazzjoni ta' valutazzjoni ambjentali mingħajr ma tkun reġistrata fir-Reġistru, għandha sussegwentement tiġi miżmuma milli tirreġistra jew tipparteċipa f'xi valutazzjonijiet f'Malta għal tul ta' żmien li għandu jiġi deċiż mill-Bord u li f'ebda każ m'għandu jkun inqas minn tliet snin.

### 3. Dispożizzjonijiet Komuni

Membri tal-Awtorità, eċċ., għandhom jitqiesu bħala uffiċjali pubbliċi għal ċerti finijiet. Kap. 9.

**35.** (1) Għall-finijiet tal-Kodiċi Kriminali u ta' kull dispożizzjoni ta' natura penali f'kull liġi oħra, il-membri tal-Awtorità u ta' kull kumitat, bord, jew korp jew uffiċċju ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, u kull uffiċjal tagħhom, għandu jitqies, u jiġi trattat, bħala uffiċjal pubbliku.

(2) Il-membri u l-uffiċjali tal-Awtorità fil-qadi tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att jew taħt kull liġi oħra amministrata mill-Awtorità, ma jkunu responsabbli għal ebda telf jew ħsara mġarrba minn xi persuna minħabba f'xi ħaġa magħmula, jew ommessa milli ssir, bonafidi fl-amministrazzjoni ta' dan l-Att jew ta' xi liġi oħra.

Konsultazzjonijiet.

**36.** L-Awtorità, kif ukoll kull kumitat jew bord, tista' jikkonsulta ma' kwalunkwe uffiċjal tal-Awtorità jew persuna jew enti ieħor li l-parir tagħhom ikun meqjus bħala rilevanti għal xi materja li qed titqies mill-Awtorità. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom ikunu debitament reġistrati.

Dikjarazzjoni ta' assi, kodiċi ta' kondotta u pubblikazzjoni tal-ismijiet.

**37.** (1) Kull membru tal-Awtorità u kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità kif stabbilit mill-Ministru fi proċeduri stabbiliti għal dan il-għan, għandu jagħmel dikjarazzjoni tal-assi tiegħu skont dawn il-proċeduri.

(2) Il-Ministru għandu, wara li jikkonsulta mal-Awtorità, iħejji, jippubblika u jirrevedi kodiċi dwar il-kondotta mistennija minn kull membru tal-Awtorità u ta' kull kumitat, bord jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, u mill-uffiċjali tal-Awtorità, fil-qadi tal-funzjonijiet tal-Awtorità.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-kodiċi ta' kondotta għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni meta jkun qed jiġi stabbilit jekk xi membru jew uffiċjal huwiex inadegwat biex jaqdi l-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att jew inkella jekk it-terminu tal-ingaġġ tiegħu għandux jiġġedded.

(4) L-ismijiet tal-membri kollha tal-Awtorità, u ta' kull kumitat, bord jew korp ieħor imwaqqaf b'dan l-Att, u kull tibdil f'dawk il-membri, għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta.

## TAQSIMA IV

### Trasferiment ta' Uffiċċjali u Assi lill-Awtorità

Trasferiment ta' uffiċjali u assi lill-Awtorità.

**38.** (1) L-uffiċjali, il-proprjetà u l-impenji li huma tal-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar u li se jkunu trasferiti lil jew vestiti fl-Awtorità għandhom jiġu trasferiti lil u vestiti fl-Awtorità skond ir-regolamenti preskritti mill-Ministru.

(2) It-trasferiment u l-vestiment fl-Awtorità kif issemma hawn qabel għandu jestendi għat-totalità ta' dik il-proprjetà u impenji u, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità msemmija hawn qabel, għandu jinkludi l-impjanti, it-tagħmir, l-apparat, l-istrumenti, il-vetturi, il-bini, l-istrutturi, l-istallazzjonijiet, l-art, ix-xogħlijiet, il-ħażniet u l-proprjetà, l-assi mobbli u immobbli, is-setgħat, id-drittijiet u l-

privileġġi kollha u l-affarijiet kollha meħtieġa jew anċillari tagħhom li huma miżmuma jew gawduti in konnessjoni magħhom jew li jappartjeni lilhom, kif ukoll l-obbligi kollha li jaffettwaw jew li jirrigwardaw kwalunkwe mill-proprjetà jew impenji hawn fuq imsemmija jew xi ħaġa oħra inkluża fihom kif imsemmi hawn fuq.

Kostruzzjoni ta' liġijiet, eċċ.

**39.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Att, il-liġijiet, regoli, regolamenti, ordnijiet, sentenzi, digrieti, deċiżjonijiet atti, obbligi, kuntratti, ftehim, strumenti, dokumenti, mandati u arranġamenti oħra kollha, eżistenti immedjatament qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att li jaffettwaw jew li jirrigwardaw kwalunkwe mill-proprjetajiet jew impenji trasferiti lill-Awtorità permezz ta', jew taħt, dan l-Att u li fihom il-Gvern jew awtorità tal-gvern huwa parti tagħhom jew huwa msemmi fihom għandu jkollhom il-forza u l-effett sħiħ kontra jew favur tal-Awtorità, u għandhom ikunu infurzabbli liberament u effikaċement, daqslikieku minflok il-Gvern jew awtorità governattiva l-Awtorità tkun ġiet imsemmija fihom jew kienet imsieħba fihom minflok il-Gvern jew l-awtorità governattiva inkwistjoni.

Dispożizzjonijiet transitorji.

**40.** (1) Kull ħaġa li tolqot kwalunkwe mill-proprjetajiet jew impenji jew kwalunkwe jedd jew obbligu trasferit lill-Awtorità permezz ta' jew taħt dan l-Att, li tkun inbdiet minn jew taħt l-awtorità tal-Gvern jew l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din it-Taqsima ta' dan l-Att, tista' tkompli ssir u titlesta minn jew kif awtorizzat mill-Awtorità f'dik id-data jew wara.

(2) Il-Ministru jista' b'ordni jagħmel dawk id-dispożizzjonijiet inċidentali, konsegwenti u supplementari kif jidhirlu meħtieġa jew xierqa sabiex jistabbilixxi, kif dovut, l-assi trasferiti lill-Awtorità b'dan l-Att u jiżgura u jagħti effett sħiħ lit-trasferiment ta' kull proprjetà jew impenn jew lil kwalunkwe dritt jew obbligu lill-Awtorità b'dan l-Att u jagħmel dawk l-ordnijiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex jagħmel kwalunkwe setgħat u dmirijiet eżerċitabbli mill-Gvern jew mill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fir-rigward ta' kwalunkwe mill-proprjetà jew impenji trasferiti, eżerċitabbli minn jew f'isem l-Awtorità.

## TAQSIMA V

## Ħarsien tal-Ambjent

### 1. Pjanijiet u *Policies*

Pjanijiet, *policies* u regolamenti.

**41.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-protezzjoni u l-ġestjoni effettiva tal-ambjent għandhom ikunu regolati minn pjanijiet, *policies* u regolamenti, li jitħejjew u jiġu

emendati minn żmien għal żmien skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

Talba mill-Ministru għall-Awtorità biex tħejji pjan jew *policy.*

**42.** (1) L-Awtorità għandha, sew minn jeddha iżda wara li tikkonsulta mal-Ministru, jew jekk tintalab mill-Ministru, tagħmel pjan jew *policy* dwar kull kwistjoni li tolqot l-ambjent.

(2) L-Awtorità tista' wkoll, sew minn jeddha iżda wara li tikkonsulta mal-Ministru, jew jekk tintalab mill-Ministru, tirrevedi pjan jew *policy* li hija diġà fis-seħħ.

(3) Il-Ministru għandu, meta jagħmel talba bħal din bil-miktub, jibgħat lill-Awtorità r-raġunijiet għaliex huwa jkun qed jagħmel dik it-talba flimkien ma' stqarrija tal-għanijiet u objettivi li għandhom jintlaħqu mill-pjan jew *policy* jew minn reviżjoni tal-pjan jew *policy.*

(4) It-tħejjija u r-reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent għandhom ikunu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-artikoli 45 sa 47, filwaqt li t-tħejjija jew ir-reviżjoni ta' xi pjan jew *policy* ieħor għandhom ikunu regolati mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 51:

Iżda l-Ministru jista', mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 45 sa 47 u l-artikolu 51, jistabbilixxi xi proċedura addizzjonali li l-Awtorità għandha ssegwi, fosthom it-twettiq ta' valutazzjonijiet, u jista' wkoll iwettaq kull valutazzjoni u, jew konsultazzjonijiet inklużi konsultazzjonijiet pubbliċi, li jidhirlu meħtieġa.

(5) Jekk l-Awtorità, fuq talba mill-Ministru skont is-subartikolu (1), tinforma lill-Ministru, fi żmien tletin ġurnata mid-data li fiha tirċievi t-talba, illi ma tistax, għal xi raġuni, tħejji dak il-pjan jew *policy*, il-Ministru għandu jordna lill-Awtorità li tiddelega din il-funzjoni skont l-artikolu 9 għall-finijiet ta' dak il-pjan jew *policy* partikolari u, meta tagħmel dan, hija għandha tiżgura li jiġu osservati d-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Il-Ministru jista' jitlob lil kull persuna li tħejji pjan, *policy* jew reviżjoni tagħhom.

**43.** (1) Meta l-Awtorità ma tkunx tista' tħejji pjan jew *policy* jew tonqos milli tiddelega dik il-funzjoni skont l-artikolu 42(5), il-Ministru jista' jitlob lil kull persuna, inkluż xi enti tal-gvern għajr l-Awtorità, li tipprepara f'ismu pjan jew *policy* jew reviżjoni ta' dak il-pjan jew dik il-*policy.*

(2) Il-Ministru għandu jikkonsulta lill-Awtorità dwar it-termini ta' referenza li għandhom jiffurmaw il-bażi tat-tħejjija ta' pjan jew *policy* jew ta' reviżjoni ta' dak il-pjan jew *policy* mill-persuna msemmija. Il-Ministru għandu mbagħad jagħti t-termini ta' referenza relattivi lill-persuna msemmija u għandu jindikalha d-

dokumentazzjoni li għandha tiġi ppreżentata lill-Ministru meta jitħejja l-pjan, *policy* jew reviżjoni ta' dak il-pjan jew *policy*. Meta l-Ministru jirċievi din id-dokumentazzjoni, għandu jibgħat kopja tagħha lill-Awtorità.

(3) Il-Ministru għandu wkoll jitlob lill-persuna msemmija biex iżżomm mad-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda. Għall-finijiet tal-paragrafi msemmija, l-espressjoni "l-Awtorità" għandha tinftiehem bħala riferenza għal dik il-persuna u dik il-persuna għandha tirrevedi, jekk ikun meħtieġ, il-pjan, il-*policy* jew ir-reviżjoni tagħhom wara li tqis il-kummenti li tkun irċeviet.

(4) Jekk l-Awtorità tkun qegħda taqbel ma' dak il-pjan, *policy* jew reviżjoni, għandha taddottah biex tippreżentah lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu; u d-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

(5) Jekk l-Awtorità ma taqbilx ma' dak il-pjan, *policy* jew reviżjoni tal-pjan jew *policy*, hija għandha tifformula stqarrija ta' pożizzjoni li tindika l-bidliet li għandhom isiru lill-pjan, *policy* jew reviżjoni tagħhom, u għandha tirreferi kemm il-pjan, *policy* jew reviżjoni kif ukoll l-istqarrija ta' pożizzjoni tagħha lill-Ministru; u d-dispożizzjonijiet tat-Tieni Skeda għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

(6) Il-pjan, *policy* jew reviżjoni għandhom jitħejjew biss minn jew taħt id-direzzjoni ta' espert fl-ambjent li jkollu l-kwalifiki li l-Ministru jista' jistabbilixxi wara li jikkonsulta mal-Awtorità.

Valutazzjoni Ambjentali Strateġika u valutazzjonijiet oħra.

**44.** Mingħajr preġudizzju għas-setgħat tiegħu skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Ministru jista' jordna li l-Awtorità jew xi dipartiment, enti, korporazzjoni jew awtorità stabbilita bil-liġi li jissoġġettaw kull pjan, *policy* jew strateġija li addottaw, jew li beħsiebhom jaddottaw, għal Valutazzjoni Ambjentali Strateġika jew għal xi valutazzjoni oħra, u permezz ta' regolamenti jista' jistabbilixxi u jirregola l-proċeduri u l-metodi li għandhom ikunu segwiti f'tali valutazzjonijiet.

## 2. L-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent

L-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent u l-preparattivi għaliha u reviżjoni tagħha.

**45.** (1) Il-Ministru għandu jipprepara dokument ta' *policy* li jinkwadra l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent. Fit-tħejjija ta' dan id-dokument il-Ministru għandu jikkonsulta mal-entijiet kollha mwaqqfa taħt dan l-Att u dawk l-entitajiet l-oħra, kemm jekk pubbliċi jew xort'oħra, li l-Ministru jidhrulu xierqa. Ladarba lest, il-Ministru għandu jara li kopja ta' dan id-dokument jitqiegħed quddiem il-Kamra tad-Deputati u din għandha tiddedika seduta waħda biex tiddiskuti dan id-dokument.

(2) Il-Ministru għandu jirrevedi l-istrateġija msemmija kemm-il darba jkun meħtieġ, u fi kwalunkwe każ mhux inqas minn darba kull erba' snin:

Iżda l-ewwel Dokument ta' Strateġija għandu jitfassal fi żmien erbgħa u għoxrin xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att.

(3) L-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent hija dokument ta' governanza strateġika li jistabbilixxi l-qafas ta' *policy* għall-preparazzjoni ta' pjanijiet, *policies* u programmi maħruġa taħt dan l-Att jew taħt xi Att ieħor għall-ħarsien u l-ġestjoni sostenibbli tal-ambjent, magħdudin ir-riżorsi tal-art u tal-baħar.

(4) Meta jkun qed iħejji jew jirrevedi l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent, il-Ministru għandu jqis -

(a) il-*policies* ambjentali u r-Rapport dwar l-Istat tal-Ambjent;

(b) il-*policies* ekonomiċi u finanzjarji tal-mument;

(ċ) il-*policies* soċjali kurrenti;

(d) il-*policies* tal-Gvern;

(e) il-kwistjonijiet ambjentali u l-interessi li għandhom rilevanza materjali għall-istrateġija;

(f) ir-riżorsi li aktarx ikun hemm fl-entijiet kollha rilevanti tal-Gvern biex l-istrateġija tiwettaq.

(5) Waqt it-tħejjija jew reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent, il-Ministru għandu jgħarraf lill-pubbliku b'dawk il-materji li hemm il-ħsieb li jkunu kkunsidrati u għandu jagħti opportunità xierqa lill-individwi u organizzazzjonijiet biex iressqu l-kummenti tagħhom.

Pubblikazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent jew reviżjonijiet tagħha.

**46.** (1) Meta l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent jew reviżjoni tagħha titlesta, il-Ministru għandu jippubblika l-istrateġija flimkien ma' stqarrija tal-kummenti riċevuti u r-reazzjoni għal dawk il-kummenti.

(2) Il-kummenti dwar l-istrateġija għandhom isiru sat-tmiem ta' żmien speċifikat li mhux anqas minn sitt ġimgħat.

Kunsiderazzjoni finali u approvazzjoni ta' strateġija jew reviżjoni.

**47.** (1) Meta jkunu ngħalqu l-proċeduri stabbiliti mid-dispożizzjonijiet imsemmija fl-artikoli ta' qabel, l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent għandha tiġi kkunsidrata mill-Kabinett tal-

Ministri flimkien mal-istqarrija ta’ pożizzjoni tal-Ministru u l-kummenti li jkunu saru dwar l-istrateġija jew reviżjoni tagħha.

(2) Il-Ministru għandu mbagħad jara li l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent jew reviżjoni tagħha kif oriġinarjament imħejjija, jew kif riveduta, flimkien mal-istqarrija ta’ pożizzjoni tal-Ministru, jitqiegħdu quddiem il-Kamra flimkien ma’ mozzjoni għal riżoluzzjoni li l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent tiġi approvata mill-Kamra, b’dawk l-emendi, jekk ikun hemm, li jiġu speċifikati fir-riżoluzzjoni.

(3) L-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent, u kull reviżjoni tagħha kif approvati mill-Kamra, jibdew iseħħu minn dik id-data li tista’ tiġi speċifikata għal dak il-għan mill-Ministru b’ordni fil-Gazzetta; u għall-finijiet ta’ dan l-Att, għajr għal dawk li għandhom x’jaqsmu mat-tħejjija, u kunsiderazzjoni u preżentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent jew ir-reviżjoni tagħha, l-espressjoni "l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent" u kull riferenza għar-reviżjoni tagħha tfisser l-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent, u kull reviżjoni tagħha, kif approvati mill-Kamra tad-Deputati.

3. Pjanijiet Sussidjarji u l-*Policy*

**48.** (1) Pjan sussidjarju huwa pjan li jittratta dwar *policy* ambjentali speċifika, jew dwar materja li tistabbilixxi l-ispeċifi dettaljati dwar kif għandha titwettaq. Pjanijiet sussidjarji.

(2) Pjan sussidjarju għandu jkun magħmul minn stqarrija bil-miktub megħjuna b’dokumenti, mapep u diagrammi skont ma jitqies li hu meħtieġ.

(3) Ħlief kif jingħad xort’oħra fil-pjan, pjan sussidjarju għandu jgħodd għal kull qasam rilevanti tal-ambjent u tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent, sew jekk it-tali oqsma huma koperti minn pjan jew *policy* oħra u sew jekk le.

**49.** (1) Pjan sussidjarju jsir mill-Awtorità għal kull materja, suġġett, jew kull żona li jaqa’ fil-kompetenza tal-Awtorità u fejn l-Awtorità jidhrilha illi għandha tagħti attenzjoni partikolari biex tiġġestih aħjar jew fejn għandhom jitqiesu fatturi speċjali li nkella ma jkunux jistgħu jitqiesu. Pjanijiet sussidjarji.

(2) Dan il-pjan jista’ jinkludi dettalji dwar il-mezzi għat-twettiq u l-miżuri li huma meħtieġa sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-pjan, u jistgħu jinkludu wkoll dispożizzjonijiet intiżi għall-infurzar ta’ tali mezzi, u f’dak il-każ id-dispożizzjonijiet għandhom jitqiesu bħala infurzabbli bl-istess mod bħal kull dispożizzjoni ta’ kull regolament magħmul taħt l-Att.

*Policies* jew pjanijiet oħra.

**50.** (1) Fejn l-Awtorità tqis li għall-ġestjoni u l-ħarsien xierqa u effikaċi tal-ambjent jew għall-ħarsien xieraq tal-art u l-baħar jinħtieġ li tħejji *policies*, pjanijiet jew gwidi aktar dettaljati minn dawk li diġà jinsabu f'xi pjan jew *policy*, l-Awtorità tista' tipprepara u taddotta dawk il-*policies*, pjanijiet jew gwidi li tqis xierqa, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu.

(2) *Policies* jew pjanijiet bħal dawn għandhom ikunu f'forma li l-Awtorità tqis adatta għas-suġġett, u jistgħu jkunu sostnuti minn dokumenti, valutazzjonijiet ambjentali jew oħrajn, mapep, diagrammi, disinji u stampi skond ma l-Awtorità tqis li hu meħtieġ.

(3) Meta l-Awtorità taddotta *policies* jew pjanijiet (kemm jekk ikunu *policies* jew pjanijiet ġodda jew reviżjoni ta' *policy* jew pjan eżistenti), għandha tirreferiha lill-Ministru għall-approvazzjoni tiegħu, u l-proċeduri msemmija fit-Tieni Skeda għandhom jgħoddu *mutatis mutandis*.

Proċedura għall-pjan u *policies* sussidjarji.

**51.** Fit-tħejjija jew reviżjoni ta' pjan jew *policy* sussidjarju, għandha tiġi segwita l-proċedura stabbilita fit-Tieni Skeda.

Reviżjoni ta' pjan jew *policies* sussidjarji.

**52.** (1) Kull pjan jew *policy* sussidjarju għandu jiġi rivedut kemm-il darba jkun meħtieġ, jew meta tinqala' din l-esiġenza minħabba reviżjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ambjent.

(2) Meta bħala riżultat tar-reviżjoni l-Awtorità tipproponi li jsir tibdil sinifikattiv fi pjan jew *policy*, jew meta jiġi propost li pjan jew *policy* jiġu rtirati, kull proposta bħal dik għandha tkun soġġetta għall-istess proċeduri bħal, u tiġi trattata bħala, pjan jew *policy* ġdid.

### 4. Regolamenti u Ordnijiet

Setgħa li jsiru regolamenti tinkludi setgħa li jiġu revokati, eċċ.
Kap. 249.

**53.** Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 6 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, kull setgħa mogħtija b'dan l-Att biex isiru regolamenti, regoli, ordnijiet, listi, skedi u strumenti oħra bħalhom, tinkludi s-setgħa li minn żmien għal żmien kull strument bħal dak imsemmi jitħassar, jiġi sostitwit, jiġi emendat, jinbidel jew isirulu żidiet.

Setgħa li jsiru regolamenti.

**54.** (1) Il-Ministru jista', filwaqt li jaġixxi skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 55, jagħmel regolamenti għat-twettiq aħjar tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari jista' permezz ta' dawk ir-regolamenti jaħtar lill-Awtorità jew lil xi persuna jew korp biex tkun l-awtorità kompetenti għall-finijiet ta' kull obbligu internazzjonali li Malta tista' tkun imsieħba fih.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1), dawk ir-regolamenti jistgħu, b'mod partikolari:

(a) jistabbilixxu l-ħlasijiet u prezzijiet li jistgħu jinġabru mill-Awtorità għal servizzi li tagħti taħt dan l-Att, jew għal kwalunkwe ħaġa li għaliha huwa meqjus li għandu jkun hemm ħlas;

(b) jipprovdu għall-proċedura li għandha tiġi segwita mill-Awtorità, mill-applikant u minn partijiet oħra rilevanti qabel u wara li ssir xi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni taħt dan l-Att, jew inkella xi applikazzjoni li tkun tinvolvi xi valutazzjoni taħt dan l-Att; kif ukoll il-proċeduri għal *inter alia* reklamar, komunikazzjoni, verifikar u tgħarbil ta', u konsultazzjonijiet, rappreżentazzjonijiet u teħid ta' deċiżjonijiet dwar, l-imsemmija applikazzjoni jew valutazzjoni, kif ukoll il-kundizzjonijiet ġenerali dwar meta għal xi attività li teħtieġ awtorizzazzjoni jew valutazzjoni taħt dan l-Att l-Awtorità tista' tesiġi li jingħataw garanziji finanzjarji jew oħrajn jew li tiġi provduta assigurazzjoni, sabiex:

(i) tipprevjeni, tiskoraġġixxi, ittaffi jew tirrimedja ħsara lill-ambjent jew taħsir tal-kwalità ambjentali;

(ii) tpatti għal xi dannu li jista' jiġi kaġunat lill-ambjent; u

(iii) tassigura l-osservanza ta' kull impenn magħmul lejn titjib ambjentali jew lejn benefiċċji ambjentali;

(ċ) jipprovdu għal kwalunkwe aspett li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti b'rabta ma' xi awtorizzazzjoni li nħarġet taħt dan l-Att jew inkella li kienet tinvolvi xi valutazzjoni taħt dan l-Att, inklużi kull fejn huma applikabbli kull għotja, tiġdid, trasferiment, sospensjoni, tħassir u dewmien fis-seħħ, il-mod kif għandhom isiru s-sottomissjonijiet u l-applikazzjonijiet, il-kontenut u l-forma ta' tali applikazzjonijiet u sottomissjonijiet u kif dawn jistgħu jintlaqgħu, ikunu miċħuda, jiġġeddu jew jiġu trasferiti, it-tariffi li għandhom jitħallsu u l-mod ta' kif it-tiġdid jew it-trasferimenti tagħhom għandhom iisiru;

(d) jistabbilixxu liema tip ta' informazzjoni miżmuma mill-Awtorità jew inkella li taqa' taħt l-ambitu ta' dan l-Att għandha tkun aċċessibbli għall-pubbliku kif ukoll jistabbilixxu l-proċedura dwar l-aċċess għaliha u l-ħlasijiet dovuti biex jinkisbu kopji ta' tali informazzjoni;

(e) jagħtu seħħ għal kwalunkwe trattat jew strument internazzjonali li jkollu x'jaqsam ma' xi ħaġa regolata b'dan l-Att, inklużi direttivi, regolamenti u deċiżjonijiet, li Malta tista' minn żmien għal żmien tkun imsieħba fihom jew soġġetta għalihom, u biex iwaqqfu strutturi u jagħmlu dispożizzjonijiet oħra dwar it-twettiq tagħhom;

(f) jistabilixxu u jikkordinaw sistemi ta' kontroll tal-kwalità ambjentali u jagħmlu dispożizzjonijiet biex ikunu jistgħu jsiru valutazzjonijiet tal-impatti u r-riskji ambjentali minn stabbiliment ġodda jew diġà eżistenti kif ukoll biex jipprovdu għall-prevenzjoni effikaċi u r-rimedjar tal-ħsara ambjentali;

(g) jipprovdu għall-ġbir, l-ipproċessar, l-ipparagunar, il-ġestjoni u l-interpretazzjoni ta' *data* li għandha x'taqsam mal-ambjent u jipprovdu wkoll li dawk il-persuni li jwettqu attivitajiet li jistgħu jolqtu l-ambjent kif jista' jiġi preskritt, jagħtu dik l-informazzjoni u *data* lill-Awtorità fuq bażi regolari jew b'mod ieħor hekk kif jista' jiġi preskritt sabiex l-Awtorità tkun tista' tissorvelja u tissalvagwardja l-kwalità tal-ambjent;

(h) jistabbilixxu l-metodi jew il-parametri li għandhom jintużaw fil-monitoraġġ tal-ambjent;

(i) jistabbilixxu, b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment għall-Protezzjoni Ċivili jew ma' xi enti pubbliku ieħor rilevanti, iċ-ċirkostanzi li taħthom tista' tiġi dikjarata emerġenza ambjentali, u l-effett li dik id-dikjarazzjoni jista' jkollha fuq xi attività li tkun teħtieġ awtorizzazzjoni taħt dan l-Att;

(j) jistabbilixxu objettivi, joħorġu direttivi u jistabilixxu kodiċi ta' prattika, ilkoll b'rabta mal-ambjent, mar-riduzzjoni, l-użu mill-ġdid, l-irkuprar, it-trattament, il-ħżin u t-tneħħija ta' kull materjal kif jista' jiġi preskritt, u ma' kull attività tal-bniedem li tolqot l-ambjent, u dawk ir-regolamenti jistgħu b'mod partikolari:

(i) jifformulaw objettivi li jistipulaw f'termini kwantitattivi u kwalitattivi, l-għanijiet li għandhom jintlaħqu fl-isforzi biex jiġi kontrollat l-ambjent;

(ii) jagħtu direttivi dwar użi tal-ambjent kif jista' jiġi preskritt;

(iii) jistabilixxu l-ogħla kwantitajiet jew konċentrazzjonijiet ta' rimi jew emissjonijiet, jew l-użu ta'

dawk is-sustanzi kif jista' jiġi preskritt filwaqt li jkunu qed isiru xogħlijiet, ħidmiet jew attivitajiet ta' kull xorta u jiżguraw l-infurzar u s-sorveljar ta' dawk in-normi; u

(iv) jistabilixxu kodiċi ta' prattika li jirregolaw proċeduri, metodi, limiti ta' rimi u emissjonijiet ta' sustanzi li jgħoddu għal xogħlijiet u attivitajiet kif jista' jiġi preskritt sew dwar iż-żmien meta dawk ix-xogħlijiet u attivitajiet ikunu qegħdin isiru kif ukoll dwar il-waqt meta x-xogħlijiet u l-attivitajiet ikunu tlestew;

(k) b'rabta mal-kontroll u l-prevenzjoni tat-tniġġis u l-kwalità ambjentali:

(i) jistabilixxu sistemi li jiżguraw tali prevenzjoni u kontroll;

(ii) jordnaw miżuri ta' kontroll, jipprevjenu, jiġġestixxu, inaqqsu jew jirrimedjaw it-tniġġis u d-degradazzjoni tal-ambjent;

(iii) jikkontrollaw iż-żamma, il-ġestjoni, il-kummerċ jew l-użu ta' sustanzi u attivitajiet oħra li jistgħu jikkaġunaw jew jiffaċilitaw it-tniġġis u d-degradazzjoni tal-ambjent;

(iv) jistabbilixxu normi, inklużi l-ogħla livelli permessi f'termini kwantitattivi jew kwalitattivi, ta' rimi u emissjoni fl-ambjent ta' kull materjal, sustanzi u disturbi u għar-rigward tal-użu ta' xi teknoloġija, tagħmir, materja, sustanza, metodu jew proċedura marbutin magħhom;

(v) jistabilixxu metodoloġiji li għandhom jintużaw fis-sorveljar ta' rimi u emissjonijiet fl-ambjent u biex jirregolaw l-użu ta' informazzjoni miġbura waqt dak is-sorveljar;

(vi) jipprevjenu, jikkontrollaw, inaqqsu, itaffu, jirrimedjaw jew b'xi mod ieħor jiġġestixxu sitwazzjonijiet li jistgħu jwasslu għal xi emerġenzi ambjentali u jipprevjenu, jikkontrollaw, inaqqsu, itaffu, jirrimedjaw jew b'xi mod ieħor jiġġestixxu kull effett ħażin fuq l-ambjent li jirriżulta minnhom;

(l) b'rabta mal-ġestjoni tal-iskart:

(i) jikklassifikaw l-iskart u jistabbilixxu regoli dwaru skont it-tip u l-kategorija tiegħu;

(ii) jirregolaw il-ġestjoni, ir-riċiklaġġ u l-iżmaltiment tiegħu;

(iii) jistabbilixxu kwoti, f'termini kwantitattivi u kwalitattivi, ta' kemm jista' jitħalla jinħoloq skart, kif ukoll li jipprovdu b'xi mod ieħor għall-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart;

(iv) jipprovdu għar-reġistrazzjoni, kontroll u, jew, liċenzjar ta' operati għall-ġestjoni tal-iskart;

(m) b'rabta mal-ħarsien ta' biodiversità u karatteristiċi naturali oħra:

(i) jipprovdu għas-sorveljar, il-valutazzjoni, il-ġestjoni, il-konservazzjoni u l-protezzjoni tagħhom;

(ii) jiddikjaraw kwalunkwe speċi, ekosistema jew karatteristika bħala protetta u jistabbilixxu regoli għall-kontroll, protezzjoni, ġestjoni, introduzzjoni mill-ġdid tagħha u, jew ir-ritorn tagħha fl-ambjent naturali;

(iii) jiddikjaraw xi speċi bħala waħda invażiva, u jistabbilixxu regoli għall-valutazzjoni, monitoraġġ, kontroll u, jew qrid tagħha kif ukoll mekkaniżmi oħra ta' prevenzjoni u ġestjoni sabiex jikkontrollaw l-introduzzjoni u t-tixrid ta' speċi bħal dawn;

(iv) jirregolaw it-teħid, l-isfruttament u l-użu ieħor ta' kampjuni jew eżemplari ta' fawna, flora u, jew karatteristiċi naturali; u b'mod partikolari jipprojbixxu u, jew, jikkontrollaw il-pussess, il-kollezzjoni, il-wiri, it-trasport, il-kummerċ, it-tkattir jew it-tnissil u t-trobbija kontrollata ta' dawk il-kampjuni jew eżemplari kif jista' jiġi prrskritt;

(v) jipprovdu għall-konservazzjoni, protezzjoni u ġestjoni ta' siti protetti, ambjenti partikolari jew kategoriji tagħhom, u karatteristiċi naturali oħra sabiex titħares id-diversità bioloġika;

(vi) jiddikjaraw żoni jew siti fuq l-art jew fl-ibħra interni jew territorjali, jew 'l hinn mill-ibħra fejn Malta jista' jkollha ġurisdizzjoni għall-fini tal-ħarsien u l-kontroll tal-ambjent, bħala żoni protetti u jipprovdu għall-protezzjoni tagħhom u biex jirregolaw il-ġestjoni tagħhom;

(vii) jikkontrollaw u jirregolaw kull attività li tista'

tinterferixxi mal-istat ta' ħarsien tad-diversità bioloġika;

(viii) jirregolaw il-kummerċ u l-ġarr minn post għall-ieħor, l-importazzjoni jew esportazzjoni ta' kampjuni jew eżemplari ta' flora, fawna u karatteristiċi naturali oħra kif jista' jiġi preskritt;

(ix) jiddikjaraw mezzi ipprojbiti ta' qbid, isfruttament u qtil ta' speċi jew kampjuni u jipprovdu regoli għall-monitoraġġ u l-kontroll tagħhom;

(x) jirregolaw l-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim tal-benefiċċji tagħhom;

(xi) jipprovdu miżuri għall-konservazzjoni, protezzjoni, il-ġestjoni u r-regolamentazzjoni ta' karatteristiċi ġeoloġiċi, ġeomorfoloġiċi, idroloġiċi, tal-ħamrija u oħrajn u ta' żoni li jikkontjenuhom;

(xii) jipprovdu miżuri għall-protezzjoni, il-ġestjoni u l-konservazzjoni ta' pajsaġġi, karatteristiċi tal-pajsaġġ u d-diversità tal-pajsaġġ;

(xiii) jipprovdu miżuri għall-prevenzjoni, il-ġestjoni u l-kontroll ta' deżertifikazzjoni, id-degradazzjoni tal-art u l-ħsara lil jew deterjorament ta' karatteristiċi naturali;

(n) jikkontrollaw, jiġġestixxu u jirregolaw it-trasport, l-introduzzjoni, l-użu (inkluż l-użu mrażżan) jew ir-rilaxx ta' organiżmi ġenetikament modifikati jew it-tqegħid tagħhom fis-suq jew fl-ambjent;

(o) b'rabta ma' valutazzjonijiet, verifiki u monitoraġġ ambjentali:

(i) jipprovdu għat-twettiq ta' valutazzjonijiet ambjentali, tgħarbil, verifiki u monitoraġġ, għar-reviżjoni ta' sottomissjonijiet, rapporti u dokumentazzjoni anċillari, u għat-tgħarbil u l-valutazzjoni ta' kwalunkwe attività jew żvilupp li jista' jaffettwa l-ambjent;

(ii) jirregolaw il-proċeduri li għandhom jiġu segwiti, u jesiġu li kwalunkwe persuna twettaq jew tikkummissjona u tissottometti lill-Awtorità kwalunkwe studju, investigazzjoni teknika, valutazzjoni, verifika, monitoraġġ, rapport jew dokumentazzjoni kif jista' jkun meqjus xieraq; u

(iii) jipprovdu għall-formulazzjoni ta' pjanijiet u miżuri sabiex jipprevjenu, jiskoraġġixxu, inaqqsu, itaffu, ipaċu, jew jirrimedjaw kwalunkwe effett ħażin fuq l-ambjent u riskju ambjentali;

(p) b'rabta mal-funzjonijiet tal-Awtorità inkluż monitoraġġ, osservanza u infurzar:

(i) wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmlu regolamenti biex jagħtu effett aħjar lid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 75(1)(a);

(ii) jawtorizzaw u jirregolaw l-ikklampjar, l-irmonk, it-tneħħija, is-sekwestru, il-konfiska, il-qbid u l-ħżin mill-Awtorità ta' kull oġġett użat għal jew b'rabta ma' xi ħaġa li tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolament magħmul taħtu;

(iii) jeħilsu lill-Awtorità minn kull responsabbiltà għal danni, għajr responsabbiltà dovuta għal negliġenza kbira, imġarrba b'rabta mal-qadi ta' dmirijietha skont l-imsemmija regolamenti;

(iv) jipprovdu għat-tneħħija ta' oġġetti mingħajr responsabbiltà, meta l-imsemmija oġġetti ma jitteħdux lura minn sidhom fiż-żmien li jista' jiġi stabbilit;

(v) jistabilixxu ħlasijiet pagabbli lill-Awtorità għat-tneħħija ta' xi morsa, għall-irmonk, għall-ħżin ta' oġġetti u għall-bejgħ b'irkant jew tneħħija tal-imsemmija oġġetti b'xi mod ieħor;

(vi) jistabbilixxu ċ-ċirkostanzi meta l-oġġetti jkunu jistgħu jiġu konfiskati u jistabbilixxu l-proċedura relattiva għall-konfiska u għat-tneħħija tagħhom;

(vii) jippreskrivu r-rijabilitazzjoni tas-sit jew tas-sitwazzjoni għall-istat oriġinali;

(viii) jistabbilixxu reati u l-pieni relattivi b'rabta mal-ħwejjeġ li jissemmew fis-subparagrafi (i) sa (vii), basta l-pieni ma jkunux ogħla minn multa massima ta' mitejn u ħamsin elf euro (€250,000):

Kap. 9.
Kap. 446.

Iżda l-artikolu 21 tal-Kodiċi Kriminali u d-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-*Probation* ma għandhomx jgħoddu għal ebda reat stabbilit taħt dan il-paragrafu;

(q) jemendaw, jissostitwixxu, iżidu jew b'xi mod ieħor jibdlu xi ħaġa li tinsab fl-Iskedi;

(r) jipprovdu għal kull għan ieħor li għalih hemm awtorizzazzjoni jew ħtieġa li jsiru regolamenti minn xi ħadd ieħor għajr l-Awtorità;

(s) jipprrskrivu l-forma ta' kwalunkwe avviż, ordni jew dokument ieħor li dan l-Att jawtorizza jew jesiġi li jsir, jiġi sottomess, jiġi notifikat jew jingħata;

(t) jirregolaw kif kull avviż jew komunikazzjoni lill-Awtorità jew mill-Awtorità, li skont dan l-Att għandu jkun bil-miktub, jista' jsir jew jiġi sottomess f'forma elettronika;

(u) jipprovdu li kull min jaġixxi b'kontravvenzjoni ta' xi regolament taħt dan l-Att ikun ħati ta' reat kontra dan l-artikolu, u jistabilixxu dik il-piena, li ma tkunx iktar minn multa ta' mitejn u ħamsin elf euro (€250,000) jew priġunerija għal żmien li mhux iktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien, li kull min jinsab hekk ħati jista' jeħel:

Iżda dawk ir-regolamenti jistgħu jipprovdu li persuna, li wara li tkun ingħatat sentenza għal reat kontra l-istess regolament b'deċiżjoni li tkun għaddiet f'ġudikat, terġa' tagħmel reat ieħor bi ksur tal-istess regolament fi żmien li jista' jiġi stabbilit, tista' teħel multa ogħla, li ma tkunx aktar minn darbtejn daqs il-multa li kieku kienet teħel, u għall-fini ta' din id-dispożizzjoni l-ogħla multa li tista' tiġi stabbilita b'dawk ir-regolamenti għandha tkun dik ta' ħames mitt elf euro (€500,000):

Iżda wkoll, dik il-multa għandha f'kull każ tkun dovuta lill-Awtorità bħala dejn ċivili, u meta l-persuna ħatja tar-reat tkun direttur, segretarju, jew diriġent ta' persuna ġuridika li r-reat ikun sar għall-benefiċċju ekonomiku tagħha, dik il-persuna ġuridika għandha tkun responsabbli solidalment mal-ħati għall-ħlas ta' dak id-dejn ċivili;

(v) jintroduċu miżuri dwar ir-responsabbiltà li għandha tinġarr minn kwalunkwe individwu li għandu jitqies responsabbli, bi kwalunkwe mod, għal kwalunkwe azzjoni li tista' tikkawża ħsara ambjentali. Dawn ir-regolamenti jistgħu jinkludu wkoll miżuri relatati mal-prevenzjoni u r-rimedjar ta' ħsara ambjentali bħal din;

(w) jipprovdu għall-egħmil ta' kull depożitu jew l-għoti

ta’ kwalunkwe garanzija sabiex ikun żgurat it-twettiq ta’ kull obbligu minn kwalunkwe persuna skont ma jkun ġie impost bħala kundizzjoni ta’ xi permess, awtorizzazzjoni jew liċenza taħt dan l-Att;

(x) jistabbilixxu l-proċeduri li għandhom jiġu addottati dwar is-sikurezza u l-ħarsien tal-ambjent b’rabta ma’ kull materja regolata minn dan l-Att, inkluża kwalunkwe regola li għandha x’taqsam mar-responsabbiltà li għandha ġġorr persuna li tikkawża ħsara lill-ambjent bħala riżultat ta’ kwalunkwe attività li tkun twettqet minn dik il-persuna u li tkun regolata minn jew taħt dan l-Att;

(y) jagħmlu provvedimenti dwar pjan ta’ kontinġenza f’każ ta’ xi kriżi marbuta ma’ xi ħaġa regolata minn dan l-Att;

(z) jipprovdu għal reati u multi amministrattivi, inklużi arranġamenti għal ftehim barra l-qorti;

(aa) jipprovdu għal strumenti u skemi ekonomiċi li jippromovu imġieba ambjentali pożittiva;

(bb) jagħmlu provvedimenti dwar il-kollaborazzjoni ma’ awtoritajiet oħra u dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Awtorità u awtoritajiet pubbliċi oħra inklużi konsultazzjonijiet, għoti ta’ informazzjoni u kwalunkwe kwistjoni oħra ta’ interess reċiproku;

(ċċ) jipprovdu li tiġi preskritta xi ħaġa li tista’, jew li għandha, tiġi preskritta minn dan l-Att.

(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet l-oħra ta’ dan l-Att u ta’ kull liġi oħra, l-Awtorità tirriserva d-dritt li tippubblika ċertu Skedi li jkunu jinsabu ma’ regolamenti magħmula taħt dan l-Att bl-ilsien Malti biss, bl-ilsien Ingliż biss jew bit-tnejn.

Proċedura għall-għemil ta’ regolamenti.

**55.** (1) Regolamenti taħt dan l-Att għandhom isiru mill-Ministru wara konsultazzjoni mal-Awtorità u, ħlief għal regolamenti taħt l-artikolu 54(2)(a), (b) u (u), u fil-każijiet imsemmija fis-subartikolu (2), dawn m’għandhomx isiru jekk l-abbozz tar-regolamenti msemmija ma jkunx inħareġ għall-konsultazzjoni pubblika hekk li kull persuna jkollha żmien ta’ mill-anqas erba’ ġimgħat biex tagħmel kummenti lill-Ministru jew lill-Awtorità, jew lit-tnejn li huma, fejn tiddikjara kif fil-fehma tagħha r-regolamenti proposti jistgħu jittejjbu biex jilħqu l-għan aħħari tagħhom.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) dwar il-pubblikazzjoni tal-abbozz tar-regolamenti fil-Gazzetta ma jgħoddux

għal dawk ir-regolamenti li l-Ministru jiddikjara li jkunu urġenti, jew fejn tkun saret xi forma ta’ konsultazzjoni pubblika qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Att.

(3) Kull persuna tista’, fiċ-ċirkostanzi msemmija fis-subartikolu (1) dwar abbozzi ta’ regolamenti, mhux aktar tard minn xahar wara l-ħruġ ta’ regolamenti magħmulin skont is-subartikolu (2), tagħmel il-kummenti lill-Ministru u, jew lill-Awtorità fejn tiddikjara għaliex u kif dawk ir-regolamenti għandhom jiġu revokati jew emendati.

(4) L-Awtorità għandha tqis kull kumment li jsirilha taħt is-subartikoli (1) u (3) u għandha tagħmel rapport fuqhom, wara li tisma’ lil dawk il-persuni jew tieħu dak il-parir espert li tikkonsidra xieraq, lill-Ministru flimkien ma’ kull opinjoni oħra li jista’ jkollha dwar l-abbozz ippubblikat skond is-subartikolu (1) jew dwar ir-regolamenti magħmula skond is-subartikolu (2), u l-Ministru jista’ meta jirċievi r-rapport mingħand l-Awtorità u kull kumment riċevut minnu jipproċedi biex jirrevedi l-abbozz tar-regolamenti u joħroġ dawk ir-regolamenti skont dik ir-reviżjoni, jew jemenda regolamenti diġà maħruġa; iżda meta l-Awtorità ma tkunx għamlet ir-rapport, jew ma tkunx tat l-opinjonijiet tagħha, lill-Ministru minkejja li jkunu skadew erba’ ġimgħat wara tmiem il-perjodu ta’ skadenza għall-kummenti msemmija fis-sub-artikolu (1), il-Ministru jista’ jipproċedi biex joħroġ ir-regolamenti li jkunu jinsabu fl-abbozz b’xi bidliet jew mingħajrhom skont ma jqis xieraq, mingħajr preġudizzju għall-possibilità li jagħmel xi bidliet malli jirċievi r-rapport u l-opinjonijiet meta dawn isiru.

(5) Meta l-Ministru jagħmel regolamenti dwar il-proċedura quddiem l-Awtorità jew quddiem xi bord jew korp ieħor stabbilit taħt dan l-Att, huwa għandu jikkonsulta lill-Awtorità jew lill-bord jew korp:

Iżda r-regolamenti dwar il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Appell u appelli quddiemha skont dan l-Att għandhom isiru mill-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja bi ftehim mal-Ministru:

Iżda regolamenti dwar l-istabbiliment jew varjazzjoni ta’ kwalunkwe tariffa għandha ssir mill-Ministru bi ftehim mal-Ministru responsabbli għall-finanzi.

**56.** (1) Bla ħsara għal kull dispożizzjoni oħra ta’ dan l-Att, l-Awtorità tista’ tagħmel ordnijiet li jirregolaw attivitajiet li nkella jistgħu jeħtieġu li tkun sottomessa applikazzjoni qabel ma jsiru, dment li l-attivitajiet ikunu jaqgħu fl-ambitu ta’, u ma jmorrux kontra, xi pjan jew *policy* approvat skont dan l-Att, u li jinkludu xi Ordnijiet.

notifikazzjoni dwar l-attività jew ta’ xi aspett tagħha f’dawk iċ-ċirkostanzi u taħt dawk il-kundizzjonijiet li jiġu speċifikati fl-ordni stess.

(2) L-Ordni għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta u għandu jibda jseħħ fil-ġurnata msemmija fih. L-attività jew kull aspett tagħha regolat mill-ordni għandha tissejjaħ "attività eżenti" u l-ordni li jirregola l-attività għandu jissejjaħ "ordni dwar attività".

(3) L-ordni jista’ jippermetti lill-Awtorità li tipprojibixxi l-bidu ta’ attività, jew li tesiġi l-waqfien ta’ attività li tkun saret bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att u bi ksur ta’ xi ordni jew dispożizzjoni msemmija qabel, u li japplika kwalunkwe mid-dispożizzjonijiet ta’ dan l-Att fir-rigward tal-infurzar bl-addattamenti u modifiki kif jista’ jkun speċifikat fl-ordni stess, jew inkella tipprovdi għall-infurzar tal-ordni u ta’ kull avviż maħruġ taħtu.

(4) L-Awtorità għandha minn żmien għal żmien tirrevedi l-ordnijiet.

(5) Ordni jista’ jirregola:

(a) attività imsemmija fl-ordni bħala permessa mingħajr il-ħtieġa li l-Awtorità tingħatalha notifika bil-miktub dwar dik l-attività;

(b) attività msemmija fl-ordni bħala permessa, dment li tingħata notifika bil-miktub dwar dik l-attività lill-Awtorità;

(ċ) attività imsemmija fl-ordni bħala permessa, dment li tingħata notifika bil-miktub dwar dik l-attività lill-Awtorità u l-Awtorità tkun aċċettat dik l-attività bħala attività permessa:

Iżda l-Awtorità għandu jkollha d-dritt li:

(i) tirrifjuta kull notifika mogħtija taħt il-paragrafi (b) u (ċ), *inter alia* abbażi ta' nuqqas ta' konformità ma’ kwalunkwe dispożizzjoni tal-ordni jew ta’ dan l-Att, jew fil-każ ta’ kwalunkwe kontenut żbaljat, mhux komplet jew qarrieqi, jew minħabba f’xi konsiderazzjoni oħra materjali u ġeneralment simili għal dawn li għandha rabta mal-kuntest usa’ tal-każ; u

(ii) fejn tkun meħtieġa l-approvazzjoni tagħha, li tirrifjuta, tapprova parzjalment jew tapprova kondizzjonalment l-attività, kif ikun xieraq.

(6) Ebda attività ġdida skont ordni ma tista’ ssir f’sit jekk fuq is-sit imsemmi tkun saret attività bi ksur tad-dispożizzjonijiet ta’ dan

l-Att, sakemm dik l-attività ma tkunx waħda kif tista' tistabbilixxi l-Awtorità u li tkun koperta b'ordni kif imsemmi fis-subartikolu (5).

Dritt għal informazzjoni.

**57.** (1) Il-Ministru għandu, b'konsultazzjoni mal-Awtorità, permezz ta' regolamenti taħt dan l-artikolu jipprovdi li l-membri tal-pubbliku jew dawk il-kategoriji ta' persuni li jistgħu jiġu stabbiliti għal dan il-għan ikollhom il-jedd li jitolbu minn dawk id-dipartimenti tal-Gvern, awtoritajiet, korporazzjonijiet pubbliċi jew persuni oħra kif jista' jiġi stabbilit dik l-informazzjoni li dawn jista' jkollhom fil-pussess tagħhom u li jkollha rabta mal-ambjent. Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ssemma hawn aktar qabel, dawk ir-regolamenti jistgħu jippreskrivu:

(a) ix-xorta ta' informazzjoni li tista' tintalab;

(b) iċ-ċirkostanzi li fihom tista' tintalab dik l-informazzjoni;

(ċ) iċ-ċirkostanzi li fihom dik l-informazzjoni tista' ma tingħatax mill-enti li ssirlu t-talba u l-pubblikazzjoni tar-raġunijiet għaliex dik l-informazzjoni tkun hekk inżammet;

(d) il-ħlasijiet li jistgħu jintalbu għal tali informazzjoni; u

(e) iż-żmien li fih għandha tingħata dik l-informazzjoni.

(2) Mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-subartikolu (1), l-Awtorità għandha żżomm u tagħmel disponibbli għall-ispezzjoni pubblika fil-ħinijiet raġonevoli li tista' tistabbilixxi, reġistru jew reġistri:

(a) tal-applikazzjonijiet kollha għal awtorizzazzjoni li tkun irċeviet u li jkun fihom l-isem tal-applikant u d-dettalji tal-proposta inklużi dokumenti u pjanti dettaljati; u

(b) tad-deċiżjonijiet kollha, inklużi d-dokumenti u l-pjanti dettaljati, meħudin dwar dawn l-applikazzjonijiet.

## TAQSIMA VI

### Ħtiega ta' Awtorizzazzjonijiet

Awtorizzazzjo-nijiet.

**58.** (1) Sakemm ma jiġix preskritt mod ieħor, ebda persuna m'għandha twettaq kwalunkwe attività jew operat li għandha x'taqsam mal-ambjent jew li tolqot l-ambjent, jew tkun involuta f'tali attività jew operat, sakemm dik il-persuna m'għandhiex fil-pussess

tagħha awtorizzazzjoni mill-Awtorità taħt dan l-Att.

(2) L-attivitajiet u l-operati msemmija fis-subartikolu (1) jinkludu, fost oħrajn, l-attivitajiet u l-operati elenkati fit-Tielet Skeda.

(3) Awtorizzazzjoni mogħtija lil xi persuna taħt dan l-Att m'għandhiex teħles dik il-persuna mill-ħtieġa bil-liġi li tapplika għal kull awtorizzazzjoni oħra tkun kif tkun deskritta, jew minn xi obbligu ieħor li joħroġ taħt xi liġi oħra, jew inkella minn xi obbligu li joħroġ minn kundizzjoni marbuta ma' xi awtorizzazzjoni.

Talba għal awtorizzazzjoni.

**59.** (1) Kull persuna, inkluż dipartiment tal-gvern jew korp azjendali stabbilit bil-liġi, li tkun trid twettaq xi attività msemmija fl-artikolu 58, għajr attività li tkun awtorizzata b'ordni u li trid titwettaq skont id-dispożizzjonijiet tal-ordni, għandha tapplika lill-Awtorità għal awtorizzazzjoni, b'tali mod, fuq tali formola u bl-għoti ta' tali informazzjoni inkluż valutazzjonijiet u studji ambjentali, bħalma tista' tordna l-Awtorità.

(2) Kulħadd jista' wkoll jissottometti talba bil-miktub lill-Awtorità sabiex jiġi deċiż jekk proposta tkunx teħtieġ awtorizzazzjoni, valutazzjoni ambjentali jew sottomissjoni oħra rilevanti.

Deċiżjoni dwar awtorizzazzjonijiet.

**60.** (1) Ebda applikazzjoni jew awtorizzazzjoni m'għandha tiġi pproċessata jew approvata sakemm l-applikant jew min kellu t-titolu qablu ma jkunx ħallas dawk il-multi, djun ċivili lill-Awtorità, jew pagamenti oħra dovuti fuq is-sit jew operat li huwa soġġett għall-applikazzjoni.

(2) Meta l-Awtorità tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni, għandha tapplika dawk il-pjanijiet, *policies* u regolamenti magħmula taħt dan l-Att li tqis rilevanti u xierqa.

(3) Fid-deċiżjoni tagħha dwar applikazzjoni, l-Awtorità għandha wkoll tqis kull ħaġa oħra ta' sustanza, li l-Awtorità jidhrilha li tkun relevanti.

(4) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li tapprova, jew li tapprova parzjalment, jew li tirrifjuta awtorizzazzjoni, u meta tapprova dik l-awtorizzazzjoni jew inkella tapprovaha parzjalment, l-Awtorità jkollha l-jedd li timponi dawk it-termini, kundizzjonijiet, limitazzjonijiet u speċifiki approvati li jidhrilha xierqa:

Iżda mar-rifjut l-Awtorità għandha tagħti raġunijiet speċifiċi għal dak ir-rifjut.

(5) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li twettaq

spezzjonijiet, b'rabta mal-proċess ta' applikazzjoni għal permess jew ma' kwalunkwe valutazzjoni jew monitoraġġ anċillari, għat-tipi kollha ta' awtorizzazzjoni, inklużi spezzjonijiet qabel ma ssir is-sottomissjoni, matul l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet u wara t-teħid tad-deċiżjoni.

(6) Awtorizzazzjoni għandha tingħata għal żmien limitat iżda l-Awtorità tista', wara li ssir applikazzjoni mill-persuna li jkollha f'idejha dik l-awtorizzazzjoni, testendi l-awtorizzazzjoni għal żmien jew żminijiet ulterjuri skond ma tqis li jkun raġonevoli.

(7) Meta tagħti awtorizzazzjoni jew awtorizzazzjoni parzjali, l-Awtorità tista' tesiġi li l-attività titlesta fi żmien stabbilit, basta l-Awtorità tagħti r-raġunijiet li jiġġustifikaw dik il-ħtieġa.

**61.** (1) Id-deċiżjonijiet dwar applikazzjonijiet għandhom jittieħdu bla dewmien. Deċiżjonijiet jittieħdu bla dewmien.

(2) Il-Ministru jista', wara li jikkonsulta mal-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u jista' bla ħsara għall-generalità ta' dak li ssemma qabel:

(a) jistabilixxi l-proċeduri li għandhom jintuzaw mill-Awtorità u mill-applikant fis-sottomissjoni, fl-ipproċessar u fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet;

(b) jistabilixxi l-proceduri li għandu juża l-applikant qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni;

(ċ) jistabilixxi limiti minimi jew massimi ta' żmien, jew it-tnejn li huma, li fihom għandhom isiru s-sottomissjonijiet, konsultazzjonijiet u rappreżentazzjonijiet u jittieħdu u jigu kkomunikati d-deċiżjonijiet kif ikun rilevanti.

**62.** Kull persuna li jkollha awtorizzazzjoni eżistenti għandha d-dritt li titlob modifika ta' tali awtorizzazzjoni biex tinkludi iktar operazzjonijiet, jew bidliet fil-parametri operattivi kif jista' jkun meħtieġ. Talbiet bħal dawn għandhom jiġu kkunsidrati u pproċessati bħala applikazzjoni ġdida, li bl-ebda mod ma tkun ikkundizzjonata mill-awtorizzazzjonijiet preċedenti maħruġa mill-Awtorità. Kunsiderazzjoni mill-ġdid.

**63.** Kull parti aggravata tista' tappella minn kull deċiżjoni tal-Awtorità lit-Tribunal skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att dwar it-Tribunal ta' Reviżjoni tal-Ambjent u l-Ippjanar u kull regolament magħmul taħtu. Appelli.

**64.** (1) Obbligu ambjentali jista' jsir f'dawk il-każijiet meta Obbligi.

l-Awtorità, meta tiġi biex toħroġ awtorizzazzjoni, tagħżel li timponi fuq l-applikant xi obbligu:

(a) biex jagħmel attività għall-benefiċċju tal-ambjent skont l-għanijiet ta' dan l-Att; jew

(b) biex jagħmel xi pagament, finanzjarju jew xort'oħra, lejn għan ambjentali, jew jagħti xi dritt jew benefiċċju estranju lill-ambjent, kif l-Awtorità jidhrilha li jkun l-aktar xieraq fl-interess pubbliku u skont l-għanijiet ta' dan l-Att. L-Awtorità għandha tiżgura li tikseb dawn il-benefiċċji jew gwadanji permezz ta' kundizzjonijiet li jiġu inklużi fl-awtorizzazzjoni jew permezz ta' obbligu ambjentali li jsir b'kuntratt pubbliku bejn l-applikant u l-Awtorità.

(2) Kull persuna tista', bi ftehim mal-Awtorità, tidħol f'obbligu ambjentali, li jista' jinkludi:

(a) termini mifthiema reċiprokament b'rabta mal-aċċess għar-riżorsi ġenetiċi u l-qsim tal-benefiċċji tagħhom;

(b) restrizzjoni fuq l-użu ta' dik l-art jew operat b'xi mod partikolari;

(ċ) esiġenza li jsiru operazzjonijiet jew attivitajiet speċifiċi fi, fuq, taħt jew fuq dik l-art jew żona;

(d) esiġenza li dik l-art jew żona tintuża b'xi mod partikolari; jew

(e) esiġenza li titħallas somma jew somom lill-Awtorità f'data jew dati partikolari jew inkella perjodikament.

(3) Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jagħti effett aħjar lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu u jista', bla ħsara għall-ġeneralità ta' dak li ssemma qabel:

(a) jistabbilixxi l-proċedura dwar kif obbligu ambjentali għandu jsir, jiġi infurzat, jinbidel u jintemm; u

(b) jistabbilixxi xi restrizzjonijiet jew kundizzjonijiet jew il-ħlas ta' somom ta' flus li jistgħu jiġu imposti fl-obbligi ambjentali.

(4) L-impożizzjoni ta', jew il-ftehim li wieħed jidħol fi, obbligu ambjentali:

(a) m'għandux jikkostitwixxi intitolament għal xi awtorizzazzjoni, liċenza jew permess li kieku, meta wieħed iqis il-merti tal-każ, ma tingħatax jew inkella tingħata biss parzjalment; u

(b) fil-każ tal-għoti ta' awtorizzazzjoni, liċenza jew permess, għandu jkun addizzjonali u mingħajr preġudizzju għall-impożizzjoni ta' kwalunkwe kundizzjoni, limitazzjoni u speċifika approvata rilevanti.

2. Revoka ta' awtorizzazzjonijiet jew bdil fihom, u Ordnijiet għal waqfien jew tneħħija

**65.** (1) L-Awtorità tista' - Revoka u tibdil.

(a) fil-każijiet ta' frodi; jew

(b) fejn hemm kwistjoni dwar is-sigurtà pubblika jew dwar ħsara jew riskju ambjentali sinifikattivi; jew

(ċ) fejn ikun hemm żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument; jew

(d) fejn ikun hemm ksur ta' kundizzjoni materjali li tinsab f'awtorizzazzjoni,

b'deċiżjoni tirrevoka jew tibdel xi awtorizzazzjoni mogħtija skont dan l-Att, inkluża kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-Awtorità skont xi Ordni, filwaqt li fid-deċiżjoni tagħti r-raġunijiet tagħha għal dik id-deċiżjoni; u qabel ma tiddeċiedi li tirrevoka jew tibdel awtorizzazzjoni kif previst f'dan is-subartikolu, l-Awtorità għandha tgħarraf lil dik il-persuna li tkun se tintlaqat minn dik id-deċiżjoni bid-data u bil-ħin tal-laqgħa tagħha fejn l-Awtorità għandha tisma' s-sottomissjonijiet ta' dik il-persuna jekk din tagħżel li tattendi, u s-sottomissjonijiet ta' kull persuna oħra.

(2) Għall-finijiet tas-subartikolu (1):

"frodi" tfisser is-sottomissjoni lill-Awtorità ta' xi informazzjoni jew dikjarazzjoni li abbażi tagħha l-Awtorità tkun ħarġet awtorizzazzjoni, meta dik l-informazzjoni jew dikjarazzjoni hija falza, qarrieqa jew mhux korretta, sew jekk dak l-ingann ikun ir-riżultat ta' att doluż jew negligenti:

Iżda l-Awtorità m'għandhiex tirrevoka jew tibdel awtorizzazzjoni abbażi ta' frodi jekk:

(a) l-informazzjoni frawdolenti ma kellha l-ebda

inċidenza materjali fuq il-ħruġ tal-awtorizzazzjoni; u

(b) l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità ma tagħti ebda benefiċċju eċċessiv jew frawdolenti lill-applikant taħt xi liġi jew regolament ieħor, u lanqas ma tista' timplika lill-Awtorità f'xi ksur ta' tali liġi jew regolament;

"żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument" tfisser żball f'dokument li jidher minn eżami tal-istess dokument li jkun qed jikser il-liġi; u

"kundizzjoni materjali" tfisser kwalunkwe kundizzjoni li hija ta' rilevanza speċifika għall-attività koperta mill-awtorizzazzjoni.

(3) L-applikant għandu, jekk id-deċiżjoni tittieħed mill-Awtorità, jkollu dritt ta' appell mid-deċiżjoni tal-Awtorità fi żmien tletin jum mid-data tan-notifika tad-deċiżjoni ta' revoka jew tad-deċizjoni ta' tibdil.

(4) M'għandu jingħata l-ebda kumpens mill-Awtorità meta hija taġixxi skont id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) fejn ir-raġuni għar-revoka jew għat-tibdil tal-awtorizzazzjoni tkun minħabba frodi, jew minħabba żball legali li jidher minn eżami tal-istess dokument, jew minħabba ksur ta' kundizzjoni materjali li tinsab f'awtorizzazzjoni.

Raġunijiet għal revoka.

**66.** (1) Meta l-unika raġuni għar-revoka jew tibdil ta' awtorizzazzjoni hija s-sigurtà pubblika u, jew ħsara ambjentali sinifikattiva, għandhom jgħoddu r-regoli li ġejjin:

(a) kull attività li tkun meħtieġa biex l-ordni jiġi osservat għandha ssir mill-Awtorità, u bi spejjeż tagħha;

(b) jekk issir talba lill-Awtorità fi żmien tnax-il xahar mill-ordni ta' revoka, deċizjoni jew mid-deċizjoni ta' tibdil u jiġi ppruvat li persuna interessata tkun daħlet fi spejjeż li jsiru inutili minħabba r-revoka jew it-tibdil, jew tkun sofriet telf jew ħsara li jkunu direttament attribwibbli għar-revoka jew għat-tibdil, l-Awtorità għandha, bla ħsara għall-paragrafu (ċ), tħallas lil dik il-persuna kumpens għal dik l-ispiża, telf jew ħsara;

(ċ) ebda kumpens ma jkun dovut skont dan l-artikolu:

(i) għal telf jew ħsara li jikkonsistu fid-deprezzament tal-valur minħabba r-revoka jew it-tibdil; jew

(ii) għal xogħol li jkun sar qabel l-għoti tal-

awtorizzazzjoni revokata jew mibdula, jew għal telf jew ħsara li jkunu ġejjin minn xi ħaġa magħmula, jew li wieħed ikun naqas li jagħmel, qabel l-għoti ta' dik l-awtorizzazzjoni, jew għal xogħlijiet li mhumiex skont l-ispeċifikazzjonijiet awtorizzati jew bi ksur tat-termini, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet mehmuża mal-awtorizzazzjoni;

(d) meta kumpens ikun dovut skont dan l-artikolu għal spiża għal xogħol li jkun sar fuq xi art, jekk l-awtorità kompetenti taħt l-Ordinanza dwar l-Akkwist tal-Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi takkwista xi interess f'dik l-art, kull kumpens dovut għal dak l-akkwist għandu jitnaqqas b'ammont ugwali għall-valur tax-xogħlijiet li għalihom ikun dovut kumpens skont dan l-artikolu. Kap. 88.

3. Ħlasijiet u Kontribuzzjonijiet

Ħlasijiet u kontribuzzjonijiet.

**67.** (1) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li tiġbor ħlas għal kull awtorizzazzjoni biex isir attività, jew għal valutazzjonijiet ambjentali, verifiki ambjentali jew monitoraġġ ambjentali, li għandu jkun magħruf bħala ħlas għall-ipproċċessar, u għal kull applikazzjoni għal hekk, skont skeda ta' ħlasijiet stabbilita minnha bil-kunsens tal-Ministru u tal-Ministru responsabbli għall-finanzi, wara li tqis in-natura tal-attività, iż-żmien meta ssir l-attività, il-kundizzjonijiet marbutin mal-awtorizzazzjoni u kunsiderazzjonijiet oħra rilevanti.

(2) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li timponi kontribuzzjoni għal kull applikazzjoni oħra għal awtorizzazzjoni magħmula lilha.

(3) L-iskeda ta' ħlasijiet u r-rati ta' kontribuzzjonijiet stabbilita taħt dan l-artikolu, kif emendata minn żmien għal żmien fis-seħħ, għanda tiġi pubblikata bħala regolamenti u jkollha seħħ kif hekk pubblikata.

Ħlas tad-drittijiet u kontribuzzjonijiet.

**68.** Ebda awtorizzazzjoni m'għandha tingħata, u ebda attività awtorizzata b'ordni m'għandha ssir, jekk u sakemm d-drittijiet u kontribuzzjonijiet dovuti skont l-artikolu 67 ma jkunux saru u waslu għand l-Awtorità; u kull attività li ssir mingħajr ma jkun sar u riċevut dak il-ħlas għandha titqies bħala attività magħmula mingħajr il-permess tal-Awtorità.

4. Protezzjoni u Konservazzjoni

Ordnijiet ta' konservazzjoni.

**69.** (1) L-Awtorità għandha tħejji, u minn żmien għal żmien tirrevedi, lista ta' żoni protetti li għandhom jiġu protetti għall-konservazzjoni u tista' għaż-żoni protetti kollha, jew għal waħda jew

aktar fosthom, tagħmel ordnijiet ta' protezzjoni u konservazzjoni biex tirregola l-protezzjoni, konservazzjoni u ġestjoni tagħhom. Dawn l-ordnijiet għandhom jiġu pubblikati fil-Gazzetta u fuq is-sit tal-web tal-Awtorità.

(2) Żoni protetti, ordnijiet ta' protezzjoni u konservazzjoni, u kull żieda magħhom jew bidla fihom, għandhom jiġu pubblikati mill-Awtorità fuq is-sit tal-internet tal-Awtorità. L-Awtorità għandha twaqqaf mekkaniżmu biex tavża lil imqar wieħed mill-proprjetarji ta' kwalunkwe proprjetà soġġetta għal ordni ta' konservazzjoni li l-proprjetà ġiet inkluża fil-lista u dwar kull ordni għal konservazzjoni magħmul dwarha.

(3) It-twettiq ta' kwalunkwe attività u, jew xogħolijiet f'kull żona protetta jista' jiġi projibit jew ristrett kif previst f'regolamenti rilevanti jew f'ordni ta' konservazzjoni.

(4) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, proċeduri dettaljati oħra li jirregolaw l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu għandhom jiġu stabbiliti f'regolamenti maħruġa taħt dan l-Att.

(5) Dwar kull sit f'żona protetta, l-Awtorità għandu jkollha wkoll is-setgħa li tesiġi permezz ta' avviż bil-miktub li s-sid jagħmel dawk ix-xogħlijiet jew azzjonijiet, b'mod ġenerali jew inkella kif speċifikati fl-avviż, li jkunu meħtieġa biex jiġi żgurat li ma jkunx hemm aktar deterjorament. Jekk is-sid jonqos milli jagħmel dan, l-Awtorità tista' terġa' tavżah biex jagħmel u jlesti x-xogħlijiet jew l-azzjonijiet fi żmien stabbilit, u jekk is-sid jibqa' ma jwettaqx dak li għandu jagħmel, l-Awtorità tista' taqbad u tagħmel ix-xogħolijiet jew azzjonijiet meħtieġa hi stess jew inkella tqabbad lil min jagħmilhom, u tirkupra l-ispejjeż mingħand is-sid.

(6) Sid ta' art f'żona protetta għandu dritt jitlob li tkun ikkunsidrata mill-ġdid kull protezzjoni tal-art tiegħu. Dik it-talba għandha ssir bil-miktub quddiem l-Awtorità fi żmien tletin jum min-notifika dwar il-protezzjoni jew mill-pubblikazzjoni tagħha fil-Gazzetta, skond liema ġrat l-aħħar, u l-Awtorità għandha tiddeċiedi fi żmien tliet xhur minn meta tkun irċeviet it-talba għall-ikkunsidrar mill-ġdid.

(7) Għandha tintalab l-approvazzjoni tal-Ministru meta l-Awtorità tiddeċiedi li tneħħi l-protezzjoni jew tbaxxi l-livell ta' protezzjoni mogħti liż-żona u l-ebda tneħħija jew tbaxxija bħal din ma tkun valida jekk ma tkunx ġiet approvata mill-Ministru.

(8) Kull min iħossu aggravat b'deċiżjoni tal-Awtorità taħt dan l-artikolu jista' jappella lit-Tribunal għar-revoka jew għat-tibdil ta'

dik id-deċiżjoni skont il-proċedura stabbilita taħt l-artikolu 63.

(9) Appell li jsir quddiem it-Tribunal kontra l-protezzjoni ta' żona jew kontra l-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni jew konservazzjoni ma jissospendix is-seħħ ta' tali ordni.

(10) Jekk sit jew area li mhix protetta taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew taħt regolamenti magħmula taħt dan l-Att, iżda li l-Awtorità temmen li jista' jkollha importanza jew valur hekk li jistħoqqilha tiġi protetta, tkun f'periklu li ssirilha ħsara jew tinqered, l-Awtorità tista' tagħmel ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni u tieħu iżjed passi biex tipproteġi dak is-sit jew area kif jidhrilha li hu meħtieġ:

Iżda f'każ ta' urġenza ċ-*Chairperson* tal-Awtorità jista' jagħmel ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni mingħajr il-ħtieġa li jikkonsulta lill-membri l-oħra tal-Awtorità.

(11) Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni għandu jiġi pubblikat fil-Gazzetta u jkollu effett minnufih malli jiġi pubblikat.

(12) Ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni għandu, għal żmien ta' sitt xhur minn mindu jiġi pubblikat fil-Gazzetta, ikollu l-istess effett daqslikieku l-art li għaliha jirreferi ddaħħlet fil-lista ta' żoni protetti. L-effett tiegħu jintemm malli jiskadi ż-żmien imsemmi, iżda l-Awtorità għandha matul dak iż-żmien twettaq l-istudji jew l-investigazzjonijiet ulterjuri li jidrulha meħtieġa u mbagħad tiddeċiedi jekk tħassarx jew temendax l-ordni jew inkella minfloku tagħmel ordni ta' protezzjoni jew konservazzjoni aktar definittiv skont is-subartikolu (1). Kull fejn dawn l-istudji jew l-investigazzjonijiet u t-teħid ta' deċiżjonijiet ma jistgħux jitlestew b'mod sodisfaċenti fis-sitt xhur imsemmija, l-Awtorità tista' ġġedded l-ordni ta' emerġenza għal konservazzjoni għal perjodi ulterjuri li jidhrulha raġjonevoli jew indispensabbli, filwaqt li tiġġustifika d-deċiżjoni tagħha.

(13) Appell quddiem it-Tribunal kontra ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni, jew minn estensjoni ta' żmien skont is-subartikolu (12), ma jissospendix is-seħħ ta' dak l-ordni.

Responsabbiltà għall-ħsara ambjentali.

**70.** Il-Ministru jista', minn żmien għal żmien, permezz ta' regolamenti jintroduċi miżuri dwar ir-responsabbiltà li għandu jġorr kull individwu li, b'xi mod jew ieħor jitqies responsabbli għal kwalunkwe azzjoni li tista' tikkaġuna ħsara ambjentali, kemm jekk fuq żona protetta kif ukoll jekk b'mod ġenerali. Dawn ir-regolamenti jistgħu jinkludu wkoll miżuri dwar il-prevenzjoni u r-rimedjar tat-tali ħsara ambjentali.

## TAQSIMA VII

### Setgħat tal-Awtorità, Monitoraġġ, Azzjoni dwar Konformità u Infurzar tal-Kontroll

### Dritt ta' Aċċess, Spezzjonijiet u Monitoraġġ

Dritt ta' aċċess.

**71.** (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, għall-finijiet tat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom taħt dan l-Att, il-Bord tal-Awtorità, kif ukoll kull uffiċjal, kumitat jew persuna oħra kif jista' jkun awtorizzat mill-Awtorità għal dan il-għan, u bl-assistenza tal-Korp tal-Pulizija jekk din tkun meħtieġa mill-Awtorità, jista' jidħol f'kull fond pubbliku jew privat, vettura, bastiment jew kwalunkwe post ieħor, għall-finijiet ta':

(a) twettiq ta' investigazzjonijiet, spezzjonijiet, sondaġġi, testijiet, kejl, jew teħid ta' kampjuni;

(b) aċċertament li ma jkun qed iseħħ jew ma jkun seħħ xejn li jikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att, jew ir-regolamenti magħmulin taħtu jew kwalunkwe terminu, kundizzjoni, limitazzjoni jew speċifika mehmuża ma' xi awtorizzazzjoni maħruġa skond dan l-Att, u biex tittieħed kwalunkwe azzjoni kif ikun xieraq;

(ċ) verifikar jew riproduzzjoni ta' tali *data* jew informazzjoni li l-Awtorità tista' tkun teħtieġ;

(d) l-għemil ta' pjanti ta' xi fond, vettura jew bastiment u t-teħid ta' ritratti tagħhom wara li jkun sar dħul jew imbark skont dan l-artikolu; jew

(e) xi ħaġa li tkun anċillari jew konsegwenzjali għalihom.

(2) Fil-każ ta' dar, dan id-dritt ta' aċċess, spezzjoni u monitoraġġ kif previst f'dan l-artikolu, ikun soġġett għal avviż bil-quddiem ta' mill-inqas tmienja u erbgħin siegħa u m'għandux igħodd qabel is-sebgħa u nofs ta' filgħodu jew wara s-sebgħa ta' filgħaxija.

(3) Kull persuna li tfixkel, thedded, tattakka jew timpedixxi lil xi uffiċjal tal-Awtorità fil-qadi ta' dmirijietu taħt dan l-Att tkun ħatja ta' reat u għandha, meta tinsab ħatja, teħel priġunerija għal mhux iżjed minn tliet snin jew multa ta' mhux aktar minn mitt elf euro (€100,000) jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Monitoraġġ ta' konformità.

**72.** (1) L-Awtorità għandu jkollha s-setgħa li twettaq spezzjonijiet u investigazzjonijiet f'kull okkażjoni u għal kwalunkwe

skop li għandu x'jaqsam mar-responsabbiltajiet li għandha l-Awtorità taħt dan l-Att u taħt il-leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu.

(2) Fil-qadi tad-dmirijiet indikati fis-subartikolu (1), l-Awtorità għandha tingħata d-dritt ta' dħul kif imfisser fl-artikolu 71.

(3) F'każ li jiġi ppruvat nuqqas ta' konformità, l-Awtorità għandha tieħu aktar azzjoni taħt dan l-Att u taħt il-leġislazzjoni sussidjarja magħmula taħtu kif jitqies li huwa meħtieġ.

Monitoraġġ, Azzjoni dwar Konformità u Infurzar tal-Kontroll

**73.** (1) L-Awtorità tista' tgħasses kull aspett u, jew attività li jaqgħu fl-ambitu ta' dan l-Att għall-finijiet ta' stħarriġ u verifiki ambjentali u biex tiżgura konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u mad-deċiżjonijiet meħuda legalment taħt dan l-Att. Monitoraġġ.

(2) Għal dan il-għan, l-Awtorità tista' taħtar uffiċjali sabiex, fost materji oħra, jiġbru *data*, jistħarrġu, jissorveljaw u, jew jimmonitorjaw kwalunkwe attività, aspett jew awtorizzazzjoni għall-finijiet ta' stħarriġ u verifiki ambjentali u għall-konformità mal-leġislazzjoni u l-awtorizzazzjonijiet.

**74.** L-Awtorità tista' wkoll tagħmel rassenja ta' attivitajiet li saru qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att, jew kull Att ieħor li kien hemm qablu, u li mhumiex konformi mar-regoli, regolamenti, pjanijiet, *policies* jew awtorizzazzjonijiet li kienu fis-seħħ fiż-żmien meta saret l-attività; u fil-konfronti ta' kull attività tali l-Awtorità jkollha s-setgħat kollha li għandha fil-konfronti ta' attività li ssir wara li dan l-Att daħal fis-seħħ, sabiex jiġi żgurat li r-regoli, regolamenti, pjanijiet u *policies* imsemmija qabel jitħarsu jew biex attività tali tkun regolarizzata safejn l-Awtorità tqis li jkun xieraq fiċ-ċirkostanzi, jew, jekk dan ma jistax raġonevolment isir, biex tinforza tali konformità. Rassenja ta' attivitajiet.

**75.** (1) L-Awtorità tista' taħtar uffiċjali għall-finijiet ta' dan l-Att, u dawk l-uffiċjali jistgħu, hekk kif juru prova tal-identità tagħhom, sabiex jiżguraw it-tħaris ta' dan l-Att jew ta' kull regolament magħmul bis-saħħa tiegħu - Uffiċjali.

(a) jitolbu informazzjoni minn kull persuna b'rabta ma' xi attività, pussess jew materja oħra regolata minn dan l-Att;

(b) jordnaw it-twaqqif ta' vetturi jew bastimenti li jkunu mexjin u jiftħu kull tagħbija jew area ta' merkanzija u jċaqalqu merkanzija skont l-istruzzjonijiet li ngħataw sabiex l-uffiċjali jkunu jistgħu jwettqu spezzjonijiet, investigazzjonijiet u monitoraġġ fuq il-post b'mod immedjat;

(ċ) jieħdu azzjoni dwar konformità inkluż il-ħruġ ta' ordnijiet ta' waqfien jew għal konformità lil kull persuna skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76 u l-ħruġ ta' multi;

(d) f'konformità mal-prinċipju kawtelativ, joħorġu ordnijiet ta' waqfien temporanji, għal massimu ta' għaxart ijiem kalendarji f'kull sena kalendarja, għal investigazzjonijiet dwar il-legalità ta' kull attività jew għal kull monitoraġġ meħtieġ.

(2) Id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (1) għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Pulizija, tal-Gwardjani Lokali, tal-Kontrullur tad-Dwana jew ta' xi awtorità oħra taħt il-Kodiċi Kriminali, l-Ordinanza tad-Dwana jew xi liġi oħra.

Kap.9.
Kap. 37.

(3) L-uffiċjali maħtura taħt dan l-artikolu għandu jkollhom, minkejja kull liġi oħra, id-dritt li jgħinu lill-pulizija fil-prosekuzzjoni ta' reati taħt dan l-Att u li jidhru fil-każ f'isem il-prosekuzzjoni.

(4) L-Awtorità tista' titlob l-assistenza tal-Korp tal-Pulizija, tal-Forzi Armati ta' Malta, ta' Transport Malta u ta' kull enti ieħor kompetenti tal-gvern, u meta wieħed minn dawn jagħti l-kunsens tiegħu għal xi talba bħal din, għandu għal dan il-għan jeżerċita dawk is-setgħat mogħtija lilu bil-liġi.

Proċedura ta' konformità.

**76.** (1) Jekk l-Awtorità jidhrilha li qed titwettaq attività mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan l-Att, jew inkella li hemm ksur ta' xi kundizzjonijiet li l-awtorizzazzjoni għal xi attività hija soġġetta għalihom, jew jekk xi attività qed tikser id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti li saru taħtu, jew jekk xi attività tkun qed tikkaġuna ħsara ambjentali jew ma tkunx skond il-leġislazzjoni sussidjarja ambjentali, l-Awtorità tista' toħroġ ordnijiet ta' waqfien lil kull min ikun qed iwettaq l-attività, jew lis-sid jew l-okkupant tal-art jew lilhom ilkoll, skont ma l-Awtorità jidhrilha l-aktar xieraq, u tesiġi li l-attività titwaqqaf minnufih:

Iżda l-Awtorità tista' biss toħroġ avviż li jesiġi li parti mix-xogħol jew attività tieqaf minnufih fil-konfront ta' dik il-parti tal-attività li għaliha jkun jirreferi l-avviż, u mhux fil-konfront tal-attività sħiħa;

Iżda wkoll uffiċjal jista' jordna verbalment li l-attivitajiet jieqfu, u dawn l-ordnijiet verbali għal waqfien għandhom jitqiesu bħala legalment validi u fis-seħħ għal tlett ijiem kalendarji wara xulxin minn meta jinħareġ l-ordni verbali għal waqfien. Ordnijiet għal waqfien bħal dawn ma jibqgħux aktar validi jekk l-Awtorità ma tkunx jew bagħtet kopja ffirmata ta' ordni għal waqfien f'indirizz (postali jew diġitali) li għandu jingħata lill-uffiċjal tal-konformità mill-persuna responsabbli għall-attività jew inkella waħħlet l-ordni

għal waqfien fil-post tal-attivitajiet, sa tmiem it-tielet ġurnata wara l-ħruġ tal-ordni verbali għal waqfien;

Iżda wkoll jekk eventwalment jirriżulta li l-attività ma kellhiex titwaqqaf, l-Awtorità u l-uffiċjali tagħha m'għandhomx jinżammu responsabbli għal kwalunkwe ħsarat imġarrba, sakemm it-tali twaqqif ma kienx *prima facie* u manifestament mhux ġustifikat:

Iżda wkoll l-Awtorità m'għandhiex tistenna li jilħqu jgħaddu tlett ijiem qabel ma tinforma lis-sid jew okkupant jew lill-persuna responsabbli, jekk l-ordni għal waqfien jista' jitneħħa u l-attività tista' tkompli għaddejja.

(2) Kopja tal-ordni jew avviż imsemmi fis-subartikolu (1) li jinkludi attività relatata ma' sit, tista' wkoll tiġi notifikata lil kull rappreżentant fuq is-sit u l-Awtorità tista' wkoll twaħħal dan l-avviż f'pożizzjoni prominenti f'punt tad-dħul għal fuq is-sit.

(3) Jekk l-Awtorità jidhrilha li wara li dan l-Att daħal fis-seħħ twettqet xi attività mingħajr l-għoti ta' awtorizzazzjoni meħtieġa taħt dan l-Att, jew inkella li nkisru xi kundizzjonijiet li l-awtorizzazzjoni għal xi attività hija soġġetta għalihom, l-Awtorità tista', wara li tqis id-dispożizzjonijiet tal-leġislazzjoni u kull kunsiderazzjoni materjali oħra, toħroġ kontra s-sid jew l-okkupant tal-art jew kontra min kien responsabbli għall-attività li mhix awtorizzata jew fuqhom ilkoll kif l-Awtorità jidhrilha l-aktar xieraq, ordni ta' konformità li jkun jesiġi li jittieħdu l-passi speċifikati fl-ordni, f'terminu ta' żmien li wkoll jista' jiġi speċifikat, għal azzjoni ta' rimedju biex ireġġgħu lura s-sitwazzjoni u, jew l-art għall-kundizzjoni ta' qabel ma saret l-attività jew biex jitneħħew il-konsegwenzi tal-attività jew biex jiżguraw konformità mal-kundizzjonijiet imsemmija qabel, skond il-każ; u b'mod partikolari, iżda mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ssemma qabel, avviż bħal dan jista', għall-għan imsemmi qabel, jesiġi t-tneħħija ta' oġġetti u sustanzi, it-twaqqigħ jew tibdil ta' xogħlijiet jew bini, it-twaqqif ta' operati jew użi, u azzjoni ta' rimedju biex ixejnu l-effetti tal-attivitajiet li mhumiex awtorizzati.

(4) L-Awtorità għandha tirreġistra l-ordnijiet kollha ta' waqfien u l-ordnijiet kollha ta' konformità skont dan l-Att u d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu dwar l-indiċi ta' ordnijiet għall-konservazzjoni għandhom ikunu jgħoddu *mutatis mutandis* għal ordnijiet ta' waqfien u ordnijiet ta' konformità oħrajn skont dan l-Att.

(5) Kull ordni magħmul taħt dan l-artikolu għandu jkun fih deskrizzjoni dettaljata tal-ksur, u fejn jitqies xieraq, għandha tinhemeż miegħu pjanta li tindika l-art li hi soġġetta għall-ordni.

(6) Ordni mogħtij skont xi waħda mid-dispożizzjonijiet ta' qabel dan l-artikolu għandu:

(a) fil-każ ta' ħtieġa li jwaqqaf jew jipprojbixxi aktar attività jew li jkun jesiġi l-waqfien tal-użu, ikollu seħħ minnufih malli l-avviż jiġi notifikat skont is-subartikolu (1) minkejja li tkun saret xi applikazzjoni għal awtorizzazzjoni għall-attività imsemmija fl-ordni jew ikun ġie ippreżentat xi appell kontra l-ordni; u

(b) fil-każ ta' kull ħtieġa oħra, jiġi fis-seħħ mal-iskadenza ta' dak iż-żmien (li ma jkunx anqas minn ħmistax-il ġurnata u mhux aktar minn tletin ġurnata min-notifika) li jkun speċifikat fl-avviż.

(7) Kull applikazzjoni biex tirregolarizza l-attività tista' tiġi miċħuda minnufih jekk l-uffiċjali jistabilixxu li xi esiġenza fl-ordni li jwaqqaf jew jipprojbixxi aktar attività jew li jkun jesiġi l-waqfien ta' xi użu, ma jkunx ġie mħares, sew jekk qabel u sew jekk waqt li tkun għadha qegħda tiġi trattata l-applikazzjoni, jew f'kull każ fejn ma jkunux tħallsu xi penali jew ħlas ieħor li persuna tkun weħlet taħt dan l-Att b'rabta mal-attività rilevanti.

(8) L-Awtorità tista' teżerċita s-setgħat tagħha skont l-artikolu 77(1) minkejja li tkun saret lill-Awtorità t-tieni applikazzjoni jew applikazzjoni sussegwenti maħsuba biex tirregolarizza l-attività illegali, li tkun tolqot l-istess attività jew parti minnha, sew jekk l-applikazzjoni tkun saret mill-istess applikant u sew jekk minn xi applikant ieħor.

(9) Kull persuna li thoss ruħha aggravata minn xi ordni notifikat lilha tista', fi żmien ħmistax-il ġurnata min-notifika tal-ordni, tappella quddiem it-Tribunal u, meta jsir appell bħal dak, it-Tribunal:

(a) jekk ikun sodisfatt li l-awtorizzazzjoni tkun ingħatat taħt dan l-Att, jew taħt xi liġi oħra li kienet tirregola l-attività inkwistjoni qabel dan l-Att, għall-attività li l-ordni jkun jirreferi għaliha, jew li ebda awtorizzazzjoni ma kienet meħtieġa fir-rigward tagħha, skont il-każ, u li l-kundizzjonijiet li l-awtorizzazzjoni hija soġġetta għalihom jkunu tħarsu, għandu jħassar l-ordni li kontrih ikun sar l-appell jew dik il-parti tiegħu li dwarha t-Tribunal ikun soddisfatt kif imsemmi qabel;

(b) f'kull każ ieħor, għandu jiċħad l-appell.

(10) L-appellant għandu jippreżenta lit-Tribunal, flimkien mal-

appell tiegħu taħt is-subartikolu (9), kopja tal-awtorizzazzjonijiet kollha rilevanti, permessi oħra jew informazzjoni oħra rilevanti li abbażi tagħhom tkun ingħatat awtorizzazzjoni għall-attività msemmija fl-ordni notifikat lilu u li hu soġġett għall-proċeduri ta' appell; u jekk it-Tribunal ikun soddisfatt li ma teżisti ebda awtorizzazzjoni tali, li abbażi tagħha u tal-kundizzjonijiet tagħha setgħet issir l-attività, jew li xi awtorizzazzjoni kienet skadiet, it-Tribunal għandu minnufih jiċħad l-appell.

(11) Jekk qabel ma jsir l-appell taħt is-subartikolu (9) jew waqt li jkun għadu pendenti dan l-appell, l-appellant jippreżenta lill-Awtorità applikazzjoni għal awtorizzazzjoni dwar l-attività imsemmija fl-ordni, it-Tribunal għandu jiċħad l-appell jekk ikun soddisfatt illi dik l-applikazzjoni tkun intiża biex tissana l-attività imsemmija fl-ordni.

(12) Meta appell taħt is-subartikolu (9) jiġi miċħud, it-Tribunal jista' jordna li, dwar kull esiġenza għajr esiġenza li twaqqaf jew tipprojbixxi xi attività oħra jew li tkun tesiġi l-waqfien ta' xi użu, l-ordni ma jibdiex iseħħ qabel data li ma tkunx aktar kmieni minn ħmistax-il ġurnata mid-deċiżjoni tal-appell, skont ma t-Tribunal jidhirlu xieraq.

(13) It-Tribunal jista' jikkorreġi kull difett jew żball fl-ordni ta' konformità basta l-appellant jingħata żmien biżżejjed biex jipprepara u jressaq il-każ tiegħu.

(14) Meta l-attività illegali tkun qed jitwettaq fil-baħar, id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jgħoddu bl-istess mod bħallikieku kull riferenza fihom għal sid l-art jew għall-okkupant tal-art qed tirreferi għall-persuna li tagħmel l-attività, u kull riferenza għall-art għandha titqies bħala riferenza għal dik iż-żona tal-baħar fejn isseħħ l-attività.

Setgħat ta' nfurzar.

**77.** (1) Jekk xi passi jew azzjoni oħra mitluba minn ordni ta' waqfien jew ordni ta' konformità jew dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att jew regolamenti magħmulin taħtu, fosthom xi sospensjoni, twaqqif, tneħħija, rimedjar jew miżuri oħra bħalhom, ma jkunux ittieħdu fiż-żmien speċifikat hemmhekk, l-Awtorità jkollha s-setgħa li tinforza l-ordni ta' waqfien jew l-ordni ta' konformità jew id-dispożizzjonijiet oħra ta' dan l-Att jew tar-regolamenti magħmulin taħtu skond ma jkun rilevanti, u li għal dan il-għan tidħol fl-art, jew fiż-żona tal-baħar u tieħu dawk il-passi jew azzjoni oħra kif imsemmija, inklużi d-diżabilitazzjoni jew it-tneħħija ta' xi tagħmir, makkinarju, għodod, beni, vetturi jew oġġetti oħra li jistgħu jkunu fis-sit u t-twettiq ta' kull xogħol meħtieġ biex jonora dak mitlub fl-ordni ta' konformità, jew l-issiġillar, konfiska jew sekwestru ta' oġġetti li l-

pussess tagħhom huwa illegali skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew ta' regolamenti magħmulin taħtu, u għal dan il-għan tista' titlob l-għajnuna tal-Korp tal-Pulizija, tal-Forzi Armati ta' Malta, tad-Dipartiment tad-Dwana, ta' kull kunsill lokali, kull dipartiment tal-Gvern jew kull entità tal-Gvern.

(2) L-Awtorità m'għandhiex tinżamm responsabbli għal ebda danni li jirriżultaw mill-eżerċitar tas-setgħat tagħha taħt dan l-artikolu, sakemm ma jiġix ippruvat illi dawk id-danni kienu r-riżultat ta' negliġenza kbira mill-Awtorità, mill-uffiċjali tagħha u mill-aġenti tagħha.

(3) Fid-diskrezzjoni tagħha, l-Awtorità tista' ma tagħtix lura lis-sidien kwalunkwe oġġett li huwa l-kaġun tal-attività soġġetta għall-ordni ta' konformità, u li jiġi kkonfiskat, issekwestrat, maqbud jew b'xi mod imneħħi mill-Awtorità. L-Awtorità tista' wkoll tiddisponi minn dawn l-oġġetti, fejn applikabbli bi spejjeż tal-persuna li kkontraveniet, skont ir-regolamenti li l-Ministru jista' jagħmel.

(4) Meta l-infurzar mill-Awtorità tal-ordni ta' waqfien jew l-ordni ta' konformità jeħtieġ il-passaġġ ukoll fuq proprjetà ta' terzi, u, jew it-tneħħija ta' żvilupp jew il-waqfien jew it-tħarbit ta' attività li ma tkunx fiha nnifisha illegali, jew kwalunkwe impatt ieħor fuq l-imsemmija attività, l-Awtorità tista', taħt ċirkostanzi eċċezzjonali, tibqa' għaddejja minn fuq tali proprjetà u, jew tneħħi t-tali żvilupp jew tisforza l-waqfien ta' jew tħarbat jew inkella li tinċidi b'xi mod ieħor fuq din l-attività oħra wkoll.

(5) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra għajr id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 4 tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, ebda att kawtelatorju jew att ieħor ta' trażżin m'għandu jinħareġ kontra l-Awtorità biex iżommha milli teżerċita b'mod xieraq is-setgħat mogħtija lilha b'dan l-artikolu.

Kap. 319.

(6) L-Awtorità tista' toħroġ ordnijiet għal azzjoni biex tirrimedja ħsara ambjentali mingħajr il-ħtieġa li tapplika għal awtorizzazzjoni mingħand l-Awtorità.

(7) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3), kwalunkwe oġġett li b'mod leġittimu ġie konfiskat, issekwestrat, maqbud jew b'xi mod imneħħi waqt l-eżerċitar tas-setgħat li jinsabu f'dan l-artikolu, jistgħu jiġu rilaxxjati mill-Awtorità biss wara li jsir il-ħlas dovut għal dawn id-djun li jirriżultaw mill-azzjoni, u biss meta dan il-ħlas isir fi żmien ħames xhur kalendarji mid-data meta l-partijiet responsabbli ġew notifikati mill-Awtorità b'dan il-ħlas dovut, jew skond it-termini ta' ħlas kif miftiehma mill-Awtorità fi żmien disgħin ġurnata minn din id-data tan-notifika tad-ħlas dovut.

(8) Jekk il-ħlas lill-Awtorità tad-djun li jirriżultaw minn azzjonijiet kif stabbilit f'dan l-artikolu ma jsirx fit-terminu ta' żmien stabbilit fis-subartikolu (7), kwalunkwe oġġett konfiskat, issekwestrat, maqbud jew b'xi mod imneħħi waqt l-imsemmija azzjoni isir proprjetà tal-Awtorità u l-Awtorità tista' tiddisponi minnu, fejn applikabbli bi spejjeż tal-persuna li kkontraveniet, skond ir-regolamenti li l-Ministru jista' jagħmel għal dan il-għan.

Impożizzjoni ta' multi għal kull ġurnata.

**78.** Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti magħmula taħt dan l-Att, u għas-setgħat tal-Awtorità stabbiliti fl-artikolu 77, meta operat jew sit ikun soġġett għal ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità, u d-dispożizzjonijiet tal-imsemmi ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità ma jiġux osservati, l-operat jew is-sit għandu jkun soġġett għal multa ta' kuljum li tibda takkumula mid-data meta l-ordni għal waqfien jew l-ordni ta' konformità ġew notifikati għall-ewwel darba lil xi waħda mill-partijiet skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 76. Kull persuna soġġetta għal ordni għal waqfien li tonqos milli tobdi l-imsemmi ordni, jew inkella meta ma jkunx sar appell kontra ordni ta' konformità jew ikun sar appell minn ordni ta' konformità iżda dan ikun ġie kkonfermat, skond il-każ, u l-persuna li hi soġġetta għall-ordni ta' konformità tonqos milli tobdi dak l-ordni fiż-żmien stabbilit fl-ordni stess, dik il-persuna għandha teħel penali li ma taqbiżx il-mija u ħamsin euro (€150) għal kull ġurnata li matulha jissokta dak in-nuqqas wara l-iskadenza taż-żmien li jista' jigi stabbilit mill-Awtorità taħt ir-regolamenti msemmija; u l-Awtorità tista' tirkupra dik il-penali mill-imsemmija persuna bħala dejn ċivili dovut lilha.

Irkuprar ta' ammonti dovuti lill-Awtorità.

**79.** (1) L-ispejjeż kollha li raġonevolment isiru mill-Awtorità biex tesegwixxi s-setgħat tagħha skont dan l-artikolu, jew kull ammont ieħor dovut lill-Awtorità skont xi dispożizzjoni oħra ta' dan l-Att jew ta' xi regolamenti magħmulin taħt l-istess Att, ikunu jistgħu jinġabru lura mill-Awtorità bħala dejn ċivili mingħand il-persuna li kontriha nħareġ l-ordni, jew li b'xi mod tkun responsabbli għall-għemil indikat fl-ordni, inkluż ordni għal ħlas, jew applikant, bla ħsara għal kull jedd ta' dik il-persuna li tirkuprahom mingħand xi persuna oħra.

(2) Meta l-Awtorità tkun tixtieq tħarrek biex tirkupra dejn dovut lilha taħt xi liġi jew regolamenti li hija jkollha jedd li tinforza, iċ-*Chairperson* tal-Awtorità jew kull uffiċjal ieħor tal-Awtorità li jkun awtorizzat kif imiss mill-Awtorità biex jaġixxi f'isimha jista' jagħmel dikjarazzjoni bil-ġurament quddiem ir-Reġistratur tal-Qrati jew quddiem uffiċjal awtorizzat li jamministra l-ġurament għal skopijiet ġudizzjarji, fejn huwa jiddikjara xi tkun ix-xorta tad-dejn u l-isem tad-debitur u jikkonferma li dan huwa dovut.

(3) Id-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (2) għandha tiġi notifikata lid-debitur permezz ta' att ġudizzjarju u għandu jkollha l-istess effett bħal sentenza finali tal-qorti kompetenti kemm-il darba d-debitur, fi żmien għoxrin ġurnata minn meta ssirlu n-notifika ta' dik id-dikjarazzjoni, ma jopponix dik it-talba billi jippreżenta rikors fejn jitlob li l-qorti tiddikjara l-pretensjoni bħala waħda infondata.

(4) Ir-rikors ippreżentat skont ma hemm fis-subartikolu (3) għandu jiġi notifikat lill-Awtorità, li jkollha jedd tippreżenta risposta fi żmien għoxrin ġurnata. Il-qorti għandha mbagħad tiffissa r-rikors għas-smigħ f'data li tiġi wara l-iskadenza ta' dak il-perjodu.

(5) Kull dejn dovut lill-Awtorità jaqa' bi preskrizzjoni meta jiskadi l-perjodu ta' ħames snin mid-data meta d-dejn kien dovut.

Proċedura speċjali.

**80.** (1) L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva fuq kull persuna li:

(a) tikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att, ta' regolamenti magħmulin taħtu jew ta' xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tiżgura l-osservanza tagħha u li tinforza; jew

(b) tonqos milli tosserva xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità, kemm jekk taħt dan l-Att, taħt regolamenti magħmulin taħtu jew taħt xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha jedd li tiżgura l-osservanza tagħha u li tinforza; jew

(ċ) tonqos milli tobdi xi ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità u d-dispożizzjonijiet li fihom; jew

(d) tonqos milli tħares xi kundizzjoni ta' kwalunkwe awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att, inkluż in-nuqqas li tipprovdi f'waqthom u, jew b'mod xieraq *data* jew informazzjoni li jesiġu l-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni:

Iżda jekk il-ksur jitwettaq minn korp azjendali u jiġi ppruvat li jkun twettaq bil-kunsens, jew bl-involviment ta', jew li jkunu attribwibbli għal, kwalunkwe traskuraġni grassa min-naħa ta' persuna li tkun direttur, diriġent, segretarju jew uffiċjal ieħor, ikun kif ikun deskritt, ta' tali korp azjendali jew persuna li wriet li qed taġixxi f'xi kariga bħal dawn, kemm dik il-persuna kif ukoll dak il-korp azjendali għandhom jinżammu responsabbli għall-imsemmi ksur u għandhom ikunu responsabbli flimkien u solidalment għall-ħlas ta' kull penali amministrattiva imposta mill-Awtorità bħala konsegwenza ta' dan.

(2) Multa amministrattiva imposta taħt is-subartikolu (1) m'għandhiex taqbeż il-mitt elf euro (€100,000) għal kull

kontravvenzjoni jew l-elf u ħames mitt euro (€1,500) għal kull ġurnata ta' nuqqas ta' konformità, mid-data meta l-Awtorità tat l-avviż dwar l-impożizzjoni tal-multa amministrattiva.

Proċedimenti meta jiġu imposti multi amministrattivi. Kap. 12.

**81.** (1) L-Awtorità, qabel ma timponi penali amministrattiva fuq xi persuna li tikser jew li tonqos li tħares -

(a) kwalunkwe dispożizzjoni ta' dan l-Att;

(b) regolamenti magħmulin taħtu;

(ċ) xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tiżgura l-osservanza tagħha u li tinforza;

(d) xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità kemm jekk taħt dan l-Att, taħt regolamenti magħmulin taħtu jew taħt xi liġi oħra li l-Awtorità jkollha l-jedd li tiżgura l-osservanza tagħha u li tinforza;

(e) kwalunkwe dispożizzjoni jew terminu ta' żmien inkluż f'xi ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità; jew

(f) kwalunkwe kundizzjoni, limitazzjoni jew speċifika approvata ta' xi awtorizzazzjoni mogħtija taħt dan l-Att,

għandha permezz ta' avviż lill-persuna involuta -

(i) tavża dwar il-penali amministrattiva li tista' tiġi imposta mill-Awtorità;

(ii) tavża dwar ir-raġuni speċifika għaliex dik il-penali tista' tiġi imposta;

(iii) tavża dwar l-ammont tal-penali; u

(iv) tesiġi li l-persuna involuta tirranġa l-għemejjel jew nuqqasijiet imwettqa minn dik il-persuna u, jew tagħmel sottomissjonijiet lill-Awtorità fi żmien speċifikat:

Iżda dan iż-żmien ma jistax ikun ta' aktar minn għoxrin jum jew anqas minn ħamest ijiem mid-data tan-notifika tal-avviż:

Iżda wkoll il-persuna, li kontriha tista' tiġi imposta penali amministrattiva, għandha tingħata opportunità raġonevoli sabiex tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha lill-Awtorità matul dak iż-żmien li

jista' jiġi stipulat fl-avviż u tipproponi rimedji li jirranġaw l-għemejjel jew nuqqasijiet li l-Awtorità tkun esiġiet li jitranġaw.

(2) Fl-avviż imsemmi fis-subartikolu (1), l-Awtorità tista'' timponi dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha li huma raġonevoli fiċ-ċirkostanzi.

(3) Jekk il-persuna involuta tirrimedja l-ksur għas-sodisfazzjon tal-Awtorità fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1), u taqbel bil-miktub li żżomm mal-kundizzjonijiet li l-Awtorità tista' timponi, u tħallas il-multi akkumulati ta' kuljum li l-imsemmi ksur kien soġġett għalihom skont l-artikolu 78, l-Awtorità għandha tieqaf milli tipproċedi ulterjorment:

Iżda jekk il-persuna involuta, wara li tkun intrabtet bil-miktub kif iddikjarat hawn fuq, tonqos milli tirrimedja l-ksur għas-soddisfazzjon tal-Awtorità fiż-żmien stabbilit mill-Awtorità skont is-subartikolu (1) jew inkella tonqos milli tonora xi termini u kundizzjonijiet miftiehma bil-miktub, l-Awtorità għandha timponi kontra dik il-persuna penali amministrattiva għal tali nuqqas, minbarra l-piena amministrattiva li tista' tiġi imposta għall-ksur innifsu.

(4) Jekk, wara li jiskadi ż-żmien imsemmi fis-subartikolu (1), l-Awtorità tikkunsidra li l-persuna involuta ma tkun tat l-ebda raġuni valida biex turi għaliex m'għandha tiġi imposta ebda penali amministrattiva kontra dik il-persuna, l-Awtorità għandha tipproċedi biex timponi tali penali amministrattiva.

(5) Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan l-artikolu, fejn l-Awtorità jkollha evidenza *prima facie* li l-ksur jirrappreżenta theddida immedjata u serja għall-ambjent, jew għas-sikurezza pubblika jew sigurtà pubblika jew saħħa pubblika, l-Awtorità tista' tqassar iż-żminijiet imsemmijin fis-subartikolu (1):

Iżda l-persuna li kontriha dik il-penali amministrattiva tiġi imposta għandha tingħata opportunità raġonevoli biex tiddikjara kwalunkwe fehma u tipproponi rimedji li jkunu possibbli:

Iżda wkoll jekk il-persuna, li kontriha l-ittra uffiċċjali tkun inħarġet, tintavola appell quddiem it-Tribunal, u fl-istess ħin jew qabel l-intavolar tal-appell titlob lit-Tribunal li jissospendi s-seħħ tal-ittra uffiċjali, allura l-Awtorità għandha tieqaf milli toħroġ att ġudizzjarju kif imsemmi f'dan is-subartikolu sakemm it-talba ta' sospensjoni tiġi deċiża, irtirata jew inkella trattata:

Iżda wkoll it-Tribunal għandu jieħu deċiżjoni fuq kull talba

għal sospensjoni msemmija f'dan is-subartikolu malajr. Qabel ma jieħu deċiżjoni fuq xi talba bħal din, it-Tribunal għandu jagħti lill-Awtorità opportunità raġonevoli biex twieġeb u tagħmel is-sottomissjonijiet tagħha, fi żmien ta' mhux inqas minn tlett ijiem tax-xogħol.

(6) Malli jiskadi t-terminu ta' żmien għall-appell minnu, u malli tiġi notifikata kopja tiegħu permezz ta' att ġudizzjarju lill-persuna li għandha tħallas il-penali amministrattiva, l-avviż imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv għall-effetti u l-finijiet kollha tal-artikolu 253(a) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Kap. 12.

(7) L-Awtorità għandha tagħti r-raġunijiet tagħha għal kull deċiżjoni meħuda taħt dan l-artikolu.

(8) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, ebda mandat kawtelatorju jew ordni m'għandu jinħareġ minn xi qorti li timpedixxi l-Awtorità milli teżerċita kwalunkwe waħda mis-setgħat mogħtija lilha taħt dan l-Att b'rabta mal-penali amministrattivi.

(9) Fil-każijiet kollha fejn l-Awtorità timponi penali amministrattiva u kwalunkwe azzjoni dwar xi ħaġa li tkun saret jew li naqset milli ssir minn xi persuna u dak l-għemil jew nuqqas jikkostitwixxi wkoll reat kriminali, ebda proċedimenti ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew kontra l-imsemmija persuna għal dak ir-reat kriminali jekk il-persuna tħallas il-penali u twettaq kull azzjoni li tkun ġiet imposta:

Iżda l-ħlas tal-penali amministrattiva u t-twettiq ta' kwalunkwe azzjoni imposta m'għandu jneħħi ebda responsabbiltà ċivili biex tirrimedja xi danni lil kwalunkwe persuna jew awtorità jew lill-ambjent f'termini ta' responsabbiltà għal dannu ambjentali.

(10) Penali amministrattiva imposta mill-Awtorità fuq kwalunkwe persuna għandha titqies bħala dejn ċivili dovut lill-Awtorità.

(11) Il-miżuri li permezz tagħhom il-valur likwidat ta' ħsara lill-ambjent, jew ta' kwalunkwe ksur li jaqa' fl-ambitu ta' dan l-Att, jista' jiġi mħallas, iddebitat jew paċut, fost oħrajn permezz ta' ħlasijiet dovuti għas-servizzi pubbliċi, beni pubbliċi jew proġetti pubbliċi.

**82.** Uffiċjali tal-Awtorità maħtura għal dan l-iskop, jistgħu jimponu multi fuq il-post, li ma jaqbżux ammont massimu ta' elf euro (€1,000), għal reati u għal ammonti li għandhom jiġu stabbiliti f'regolamenti magħmula mill-Ministru. Multi fuq il-post.

Ftehim barra l-Qorti.

**83.** Minkejja kull liġi oħra li tipprovdi għall-proċessi u l-pieni dwar reati, meta l-Awtorità temmen li persuna kkommettiet reat kontra dan l-Att, l-Awtorità tista' tidħol fi ftehim bil-miktub ma' dik il-persuna fejn tiddeskrivi r-reat li l-persuna hija akkużata bih, tindika l-passi li għandhom jittieħdu biex jirrimedjaw ir-reat u l-penali miftiehma li għandha titħallas għal dak ir-reat kif jiġi preskritt fir-regolamenti magħmula mill-Ministru.

## TAQSIMA VIII

## Reati

Reati.

**84.** (1) Kull min -

(a) jagħmel xi attività mingħajr l-awtorizzazzjoni li tkun meħtieġa fiż-żmien meta ssir l-attività, jew, jekk l-attività ssir b'awtorizzazzjoni, jonqos milli jħares jew milli jiżgura l-ħarsien ta' xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun soġġetta l-awtorizzazzjoni; jew

(b) jaġixxi bi ksur ta' xi waħda mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 70 dwar xi żona protetta, jew dwar ordni ta' emerġenza għall-konservazzjoni; jew

(ċ) wara li jkun ġie notifikat b'ordni għal waqfien jew ordni ta' konformità jew ordni ieħor taħt l-artikolu 76, jonqos milli jħares xi waħda mill-esiġenzi ta' dak l-avviż fiż-żmien speċifikat fih; jew

